KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 22 ta Novembru 2010 (23.11)
(OR. fr)

16787/10

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2010/0302 (COD)**

**CODIF 29**
**CODEC 1355**
**ENT 190**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Kummissjoni Ewropea |
| data: | 27 ta' Ottubru 2010 |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istrutturi ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib immuntati fuq in-naħa ta' quddiem tas-sedil tas-sewwieq fuq tratturi għall-agrikoltura u għall-foresterija ta' karreġġata dejqa (Kodifikazzjoni) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Pierre de BOISSIEU, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

F'konformita' mal-metodu approvat fl-10 ta' Ġunju 2003, id-delegazzjonijiet huma mitluba jibagħtu l-kummenti tagħhom dwar il-proposta ta' kodifikazzjoni, sal-21 ta' Diċembru 2010, fl-indirizzi li ġejjin:

secretariat.jl-codification@consilium.europa.eu **U** sj-codification@ec.europa.eu

L-attenzjoni tad-delegazzjonijiet tinġibed għall-Gwida prattika għall-kodifikazzjoni (dok. ST 15993/1/08 REV 1 tas-27 ta' Novembru 2008), b'mod partikolari l-punt 6 tagħha, li jagħti struzzjonijiet dwar kif id-delegazzjonijiet għandhom jippreżentaw il-kummenti tagħhom.

Mehmuż: COM(2010) 610 finali

KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 27.10.2010
KUMM(2010) 610 finali

2010/0302 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istrutturi ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib immuntati fuq in-naħa ta' quddiem tas-sedil tas-sewwieq fuq tratturi għall-agrikoltura u għall-foresterija ta' karreġġata dejqa**

**(Kodifikazzjoni)**

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fl-isfond ta' Ewropa tal-poplu, il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lis-simplifikazzjonii u liċ-ċarezza tal-liġi tal-Unjoni sabiex tkun iktar ċara u iktar aċċessibbli għaċċittadini u b'hekk toffrilhom opportunitajiet ġodda u ċ-ċans li jagħmlu użu mid-drittijiet speċifiċi li tagħtihom.

   Ma jistax jintlaħaq dan il-għan sakemm il-bosta dispożizzjonijiet li ġew emendati ħafna drabi, spiss b'mod sostanzjali, jibqgħu mferrxin bejn l-att oriġinali u atti sussegwenti li jemendaw l-att oriġinali. Hemm bżonn għalhekk ta' riċerka konsiderevoli li jqabbel ħafna atti differenti ma' xulxin sabiex jiġu identifikati r-regoli attwalment fis-seħħ.

   Għalhekk huwa essenzjali li ssir kodifikazzjoni ta' regoli li ġew emendati ta' sikwit sabiex il-liġi tkun ċara u trasparenti.

2. Fl-1 ta' April 1987 il-Kummissjoni ddeċidiet[1] li tordna lill-persunal tagħha li kull att għandu jiġi kkodifikat wara mhux iktar minn għaxar emendi, filwaqt li enfasizzat li din hija kundizzjoni minima u li d-dipartimenti għandhom jippruvaw jikkodifikaw it-testi li huma responsabbli għalihom anke f'intervalli iqsar biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tagħhom ikunu ċari u jinftiehmu malajr.

3. Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Edinburgu (Diċembru 1992) ikkonfermaw dan[2], filwaqt li saħqu fuq l-importanza tal-kodifikazzjoni għaliex tagħti ċertezza f'dak li jirrigwarda l-liġi applikabbli għal materja partikolari f'mument partikolari.

   Il-kodifikazzjoni għandha ssir f'konformità sħiħa mal-proċedura normali għall-adozzjoni ta' atti tal-Unjoni.

   Billi l-ebda bidla sostanzjali ma tista' ssir lill-atti li jiġu kkodifikati, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu, permezz ta' ftehim interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994, li tista' tintuża proċedura mgħaġġla għall-adozzjoni rapida ta' atti ta' kodifikazzjoni.

4. L-għan ta' din il-proposta huwa li ssir il-kodifikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 87/402/KEE tal-25 ta' Ġunju 1987 dwar l-istrutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib immuntati fuq in-naħa ta' quddiem tas-sedil tas-sewwieq fuq tratturi għall-agrikoltura jew għall-foresterija, b'karreġjata dejqa[3]. Id-Direttiva l-ġdida tissostitwixxi d-diversi atti inkorporati fiha[4]; din il-proposta żżomm il-kontenut kollu tal-atti li qed jiġu kkodifikati u għalhekk kulma tagħmel huwa li tgħaqqadhom filwaqt li tagħmel biss l-emendi formali meħtieġa mill-eżerċizzju ta' kodifikazzjoni nnifsu.

[1] COM(87) 868 PV.
[2] Ara l-Anness 3 għall-Parti A tal-Konklużjonijiet.
[3] Magħmula skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Kodifikazzjoni tal-*Acquis Communautaire,* COM(2001) 645 finali.
[4] Ara l-Anness VIII, Parti A, għal din il-proposta.

5. Il-proposta ta' kodifikazzjoni tħejjiet abbażi ta' konsolidazzjoni preliminari, fi 22 lingwa uffiċjali, tad-Direttiva 87/402/KEE u tal-atti li jemendawha, magħmula mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' sistema ta' pproċessar ta' dejta. Fejn l-artikoli ngħataw numri ġodda, il-korrelazzjoni bejn in-numri qodma u ġodda tidher f'tabella li tinsab fl-Anness IX tad-Direttiva kkodifikata.

↓ 87/402/KEE (adattat)

2010/0302 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istrutturi ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib immuntati fuq in-naħa ta' quddiem tas-sedil tas-sewwieq fuq tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija ta' karreġjata dejqa**

**(Kodifikazzjoni)**
**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu ⌦ 114 ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[5],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

↓

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 87/402/KEE tal-25 ta' Ġunju 1987 dwar l-istrutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib immuntati fuq in-naħa ta' quddiem tas-sedil tas-sewwieq fuq tratturi għall-agrikoltura jew għall-foresterija, b'karreġjata dejqa[6] ġiet emendata kemm-il darba[7] b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kkodifikata.

5 ĠU C [...], [...] p. [...].
6 ĠU L 220, 8.8.1987, p. 1.
7 Ara l-Anness VIII, Parti A.

↓ 87/402/KEE premessa 3 (adattat)

(2) ⌦ Id-Direttiva 87/402/KE hija waħda mid-Direttivi separati tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip KE prevista fid-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE, kif sostitwita bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/37/KE tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-foresti, il-karrijiet tagħhom u makkinarju irmunkat interkambjabbli, flimkien mas-sistemi tagħhom, komponenti u unitajiet tekniċi separati u r-revoka tad-Direttiva 74/150/KEE[8] u tistabbilixxi preskrizzjonijiet tekniċi dwar id-disinn u l-kostruzzjoni ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija f'dak li jirrigwarda l-istrutturi ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib immuntati fuq in-naħa ta' quddiem tas-sedil tas-sewwieq. Dawk il-preskrizzjonijiet tekniċi jikkonċernaw l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri sabiex jippermettu l-applikazzjoni tal-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip KE prevista fid-Direttiva 2003/37/KE għal kull tip ta' trattur. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2003/37/KE dwar tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija, il-karrijiet tagħhom u makkinarju irmunkat interkambjabbli, flimkien mas-sistemi tagħhom, komponenti u unitajiet tekniċi separati, japplikaw għal din id-Direttiva. ⌫

---

↓

(3) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness VIII, Parti B,

---

↓ 87/402/KEE

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

---

↓ 87/402/KEE (adattat)

Din id-Direttiva għandha tapplika għal tratturi kif definiti ⌦ fl-Artikolu 2(j) tad-Direttiva 2003/37/KE ⌫ li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin:

---

↓ 87/402/KEE

(a) għoli mill-art sal-qiegħ ta' mhux aktar minn 600 mm taħt il-punti l-aktar baxxi tal-fusien ta' quddiem u ta' wara, li jippermettu għad-differenzjal;

---

8 ĠU L 171, 9.7.2003, p. 1.

(b) wisa' minima ta' bejn iż-żewġ roti, iffissata jew li jista' jiġi aġġustata, ta' wieħed mill-fusien inqas minn 1 150 mm mgħammar b'tajers ta' qies akbar. Huwa preżunt illi l-fus immuntat bit-tajers aktar wisgħin huwa ssettjat f'wisa' ta' bejn iż-żewġ roti ta' mhux aktar minn 1 150 mm. Għandu jkun possibbli li l-wisa' ta' bejn iż-żewġ roti tal-fus l-ieħor jiġi ssettjat b'tali mod li x-xfar ta' barra tat-tajers l-aktar dojoq ma joħorġux aktar 'il barra mix-xfar tan-naħa ta' barra tat-tajers tal-fus l-ieħor; meta ż-żewġ fusien jiġu mgħammra b'rimmijiet u b'tajers tal-istess qies, il-wisa' ta' bejn iż-żewġ roti, iffissata jew li tista' tiġi aġġustata, taż-żewġ fusien għandu jkun inqas minn 1 150 mm;

---

↓ 87/402/KEE (adattat)

(ċ) piż ⌦ ikbar minn ⌫ 600 u ⌦ mhux aktar minn ⌫ 3 000 kilogramma, li jikkorrispondi għall-piż meta mhux mgħobbi tat-trattur kif definit ⌦ fil-punt 2.1 tal-Mudell A fl-Anness I tad-Direttiva 2003/37/KE ⌫, inkluża l-istruttura ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib immuntata b'konformità ma' din id-Direttiva u t-tajers tal-akbar qies kif rakkomandati mill-manifattur.

*Artikolu 2*

1. Kull Stat Membru għandu jagħti approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE għal kull tip ta' struttura ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib u t-twaħħil tagħha mat-trattur li tissodisfa l-kondizzjonijiet ta' konstruzzjoni u ta' ttestjar preskritti fl-Annessi I u II.

2. Stat Membru li jagħti approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jivverifika, sal-limitu li huwa meħtieġ u fejn hemm il-ħtieġa b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra, li l-mudelli ta' produzzjoni jkunu konformi mat-tip approvat. Verifika bħal dik għandha tkun limitata għal spot checks.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom, għal kull tip ta' struttura ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib u t-twaħħil tagħha mat-trattur, li huma japprovaw skont l-Artikolu 2, joħorġu lill-manifattur tat-trattur jew tal-istruttura ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, marka ta' approvazzoni tat-tip ta' komponent KE li tkun konformi ⌦ mal-eżempju ⌫ muri fl-Anness IV.

---

↓ 87/402/KEE

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha adattati biex jimpedixxu l-użu ta' marki li x'aktarx joħolqu konfużjoni bejn strutturi ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib li jkollhom l-appovazzjoni tat-tip ta' komponent skont l-Artikolu 2 u mekkaniżmi oħrajn.

↓ 87/402/KEE (adattat)

*Artikolu 4*

Stat Membru ⌦ m'għandux ⌫ jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta’ strutturi ta' protezzjoni ta' fil-każ ta’ qlib jew it-twaħħil tagħhom mat-trattur minħabba raġunijiet li jirrelataw mal-kostruzzjoni tagħhom jekk dawn ikollhom il-marka ta’ approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE.

↓ 87/402/KEE

Madankollu, Stat Membru jista' jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta’ strutturi ta' protezzjoni fil-każ ta’ qlib li għandhom il-marka ta’ approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE li jonqsu milli jkunu konformi mat-tip approvat.

Dak l-Istat ⌦ Membru ⌫ għandu jinforma minnufih lill-Isati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda, fejn jispeċifika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

*Artikolu 5*

L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom jibgħatu fi żmien xahar lill-awtoritajiet kompetenti ta’ l-Istati Membri l-oħra, kopji taċ-ċertifikat ta’ approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE, li ⌦ mudell ⌫ tiegħu huwa mogħti 'fl-Anness V, mimli għal kull tip ta' struttura ta' protezzjoni fil-każ ta’ qlib li huma japprovaw jew jirrifjutaw li japprovaw.

↓ 87/402/KEE (adattat)

*Artikolu 6*

1. Jekk l-Istat Membru li jkun ta approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE jiskopri li numru ta' strutturi ta' protezzjoni fil-każ ta’ qlib u t-twaħħil tagħhom mat-tratturi li jġorru l-istess marka ta' approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE mhumiex konformi mat-tip li hu jkun approva, għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jassigura li l-mudelli ta' produzzjoni jkunu konformi mat-tip approvat.

L-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandhom javżaw lil dawk tal-Istati Membri l-oħra bil-miżuri meħuda li jistgħu, fejn ikun hemm nuqqas serju u konsistenti ta' konformità, jestendu ⌦ sal-irtirar ⌫ tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE.

Dawk l-awtoritajiet għandhom jieħdu l-istess miżuri jekk ikunu infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor b'tali nuqqas ta' konformità.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jinformaw lil xulxin fi żmien xahar b'kull irtirar ta' approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE u bir-raġunijiet għal kull miżura bħal dik.

*Artikolu 7*

Kull deċiżjoni, meħuda skont id-dispożizzjonijiet adottati b’implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, li tirrifjuta jew tirtira approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE għal strutturi ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib u t-twaħħil tagħhom mat-tratturi, jew li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq jew l-użu tagħhom, għandha tispeċifika fid-dettall ir-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata.

Deċiżjoni bħal din, għandha tiġi nnotifikata lill-parti konċernata, li għandha fl-istess ħin tiġi infurmata bir-rimedji li huma disponibbli għaliha skont il-liġijiet fis-seħħ fl-Istati Membri u bil-limiti ta' żmien permessi għall-eżerċizzju ta' tali rimedji.

*Artikolu 8*

---

| ➘ 2000/22/KE (adattat) |
|---|

1. ⌦ F’dak li jirrigwarda tratturi li jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f’din id-Direttiva, ⌫ l-Istati Membri m’għandhomx:

(a) jirrifjutaw, għal tip ta’ trattur, li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE jew li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali;

(b) jipprojbixxu l-ewwel dħul fis-servizz ta’ tratturi.

2. L-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal tip ta’ trattur jekk dan ma jkunx jikkonforma mar-rekwiżiti ⌦ stabbiliti f’din ⌫ id-Direttiva.

---

| ➘ 87/402/KEE (adattat) |
|---|

*Artikolu 9*

1. L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta ⌦ r-reġistrazzjoni ⌫ jew jipprojbixxi l-bejgħ jew l-użu ta' xi trattur għal raġunijiet relatati mal-istruttura ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib jew it-twaħħil tagħha mat-trattur jekk dawn dawn ikollhom il-marka ta’ approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE u jekk il-kondizzjonijiet preskritti fl- Anness VI ikunu ġew sodisfatti.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu, b'konformità mat-Trattat, jimponu restrizzjonijiet fuq l-użu tat-tratturi msemmija ⌦ fl-Artikolu 1 ⌫ f'ċerti żoni fejn is-sigurezza hekk titlob, minħabba n-natura speċifika ta' ċerti bċejjeċ ta' art jew uċuħ ta' raba. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'restrizzjonijiet bħal dawn qabel dawn ikunu implimentati u bir-raġunijiet għall-adozzjoni tagħhom.

↓ 87/402/KEE

2. Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa d-dritt tal-Istati Membri li jispeċifikaw, b'konformità debita mat-Trattat, il-kondizzjonijiet li huma jqisu bħala meħtieġa biex jassiguraw li l-ħaddiema jkunu protetti waqt li jkunu qed jużaw it-tratturi kkonċernati, sakemm dan ma jfissirx li l-istrutturi ta' protezzjoni jiġu mmodifikati b'xi mod li mhux speċifikat f'din id-Direttiva.

*Artikolu 10*

↓ 87/402/KEE (adattat)

1. B'konnessjoni mal-approvazzjoni tat-tip KE, kull trattur imsemmi fl-Artikolu 1 għandu jkun mgħammar bi struttura ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib.

2. L-istruttura msemmija fil-paragrafu 1, sakemm din mhix struttura ta' protezzjoni mmuntata fuq in-naħa ta' wara, għandha tikkonforma mal-kondizzjonijiet preskritti fl-Annessi I u II ta' din id-Direttiva jew fl- ⌦ Annessi I sa IVtad- ⌫ Direttivi 2009/57/KE[9] jew 2009/75/KE[10] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

*Artikolu 11*

⌦ L- ⌫ emendi meħtieġa sabiex il-kondizzjonijiet tal-Annessi ⌦ I sa VII ⌫ jiġu adattati biex jieħdu inkunsiderazzjoni l-progress tekniku għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ⌦ msemmija ⌫ fl- Artikolu ⌦ 20(3) ⌫ tad-Direttiva ⌦ 2003/37/KE ⌫.

*Artikolu 12*

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

↓

*Artikolu 13*

Id-Direttiva 87/402/KEE, kif emendata l-atti mniżżla fl-Anness VIII, Parti A, hija mħassra, bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness VIII, Parti B.

9 ĠU L 261, 3.10.2009, p. 1.
10 ĠU L 261, 3.10. 2009, p. 40.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IX.

*Artikolu 14*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2011.

---

| ↓ 87/402/KEE |
|---|

*Artikolu 15*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# ANNESS I

## KONDIZZJONIJIET GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TA' KOMPONENT KE

---

| ⬇ 2010/22/UE Art. 4 u Anness IV pt. 1 |
|---|

1. Id-definizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-punt 1 tal-Kodiċi 6[11] tad-Deċiżjoni OECD C(2008) 128 ta' Ottubru 2008, għajr għall-punt 1.1 (Tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija), għandhom japplikaw, u jaqraw kif ġej:

"1. **Definizzjonijiet**

1.1 [mhux applikabbli]

1.2 *Struttura ta' Protezzjoni fil-Każ ta' Qlib (ROPS)*

Struttura ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib (kabina jew qafas ta' sikurezza), minn hawn 'il quddiem imsejħa "struttura ta' protezzjoni", tfisser l-istruttura fuq trattur li l-iskop essenzjali tagħha huwa li jiġu evitati jew limitati riskji lis-sewwieq li jirriżultaw minn qlib tat-trattur waqt użu normali.

L-istruttura ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib hija kkaratterizzata minn li jitħalla spazju għal żona ta' spazju vojt kbira biżżejjed biex tipproteġi lis-sewwieq meta jkun bil-qiegħda jew fl-involukru tal-istruttura jew fi ħdan spazju magħluq minn għadd ta' linji dritti mit-truf ta' barra tal-istruttura għal kwalunkwe parti tat-trattur li tista' tiġi f'kuntatt ma' art ċatta u li tkun kapaċi terfa' lit-trattur f'din il-pożizzjoni jekk it-trattur jinqaleb.

1.3 *Trekk*

1.3.1 Definizzjoni preliminari: wiċċ medjan tar-rota

Il-wiċċ medjan tar-rota huwa ekwidistanti miż-żewġ uċuħ li fihom il-periferija tar-rimmijiet fit-truf ta' barra tagħhom.

1.3.2 Definizzjoni ta' trekk

Il-wiċċ vertikali minn ġol-fus tar-rota jaqsam minn naħa għall-oħra l-wiċċ medjan tagħha tul linja dritta li tiltaqa' mal-wiċċ li jerfa' f'xi punt. Jekk A u B huma ż-żewġ punti hekk iddefiniti għar-roti fuq l-istess fus tat-trattur, il-wisa' tat-trekk hija d-distanza bejn il-punti A u B. It-trekk tista' tiġi ddefinita b'dan il-mod kemm għar-roti ta' quddiem kif ukoll ta' wara. Fejn hemm żewġ roti tewmin, it-trekk hija d-distanza bejn żewġ uċuħ b'kull wieħed minnhom bħala l-wiċċ medjan tal-pari tar-roti.

---

[11] Il-kodiċi standard tal-OECD għall-ittestjar uffiċjali ta' strutturi ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib immuntati fuq in-naħa ta' quddiem ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija ta' karreġġata dejqa.

1.3.3 Definizzjoni addizzjonali: wiċċ medjan tat-trattur

Jittieħdu l-pożizzjonijiet estremi tal-punti A u B għall-fus ta' wara tat-trattur, li huwa l-akbar valur possibbli għat-trekk. Il-wiċċ vertikali f'angolu rett mal-linja AB fil-punt ċentrali tagħha huwa l-wiċċ medjan tat-trattur.

1.4 *Bażi tar-rota*

Id-distanza bejn l-uċuħ vertikali għaddejjin miż-żewġ linji AB kif iddefinit fil-punt 1.3, waħda għar-roti ta' quddiem u waħda għar-roti ta' wara.

1.5 *Determinazzjoni tal-punt tal-indiċi tas-sedil; post tas-sedil u aġġustament għat-test*

1.5.1 Il-punt tal-indiċi tas-sedil (SIP)[12]

Il-punt tal-indiċi tas-sedil għandu jkun iddeterminat skont l-ISO 5353:1995

1.5.2 Post tas-sedil u aġġustament għat-test

1.5.2.1 fejn l-inklinazzjoni tad-dar u l-wiċċ tas-sedil tkun aġġustabbli, dawn iridu jkunu aġġustati sabiex il-punt tal-indiċi tas-sedil ikun fil-pożizzjoni ta' wara l-aktar wieqfa;

1.5.2.2 fejn is-sedil ikun mgħammar b'sospensjonijiet, dan irid jiġi mblukkat f'nofs triq, sakemm dan ma jkunx kontra l-istruzzjonijiet stabbiliti b'mod ċar mill-manifattur tas-sedil;

1.5.2.3 fejn il-pożizzjoni tas-sedil tkun aġġustabbli fit-tul u vertikalment biss, l-assi lonġitudinali li jgħaddi mill-punt tal-indiċi tas-sedil għandu jkun parrallel mal-wiċċ vertikali lonġitudinali tat-trattur li jgħaddi miċ-ċentru tal-istering u mhux aktar minn 100 mm minn dan il-wiċċ.

1.6 *Żona ta' spazju vojt*

1.6.1 Linja u wiċċ vertikali ta' referenza

Iż-żona ta' spazju vojt (il-Figura 6.1 fl-Anness II) hija definita fuq il-bażi ta' wiċċ vertikali ta' referenza u linja ta' referenza:

1.6.1.1 Il-wiċċ ta' referenza huwa wiċċ vertikali, ġeneralment lonġitudinali mat-trattur u li jgħaddi mill-punt tal-indiċi tas-sedil u ċ-ċentru tar-rota tal-istering. Normalment il-wiċċ ta' referenza jikkoinċidi mal-wiċċ medjan lonġitudinali tat-trattur. Il-wiċċ ta' referenza għandu jitqies li jersaq orizzontalment mas-sedil u r-rota tal-istering meta jkun mgħobbi iżda li jibqa' perpendikulari mat-trattur jew mal-art tal-istruttura ta’ protezzjoni fil-każ ta' qlib.

1.6.1.2 Il-linja ta' referenza hija l-linja li tinsab fil-wiċċ ta' referenza, li tgħaddi minn punt li jinsab 140 + $a_h$ lura u 90 – $a_v$ taħt il-punt tal-indiċi tas-sedil u l-ewwel punt fuq ix-xifer tar-rota tal-istering li hi taqsam meta tinġieb mal-orizzontali.

[12] Għal testijiet ta' estensjoni tar-rapporti ta' testijiet li oriġinarjament użaw punt ta' referenza tas-sedil (SRP), il-kejl meħtieġ għandu jsir b'referenza għall-SRP minflok l-SIP u l-użu tal-SRP għandu jiġi indikat b'mod ċar (ara l-Anness 1).

1.6.2 Determinazzjoni taż-żona ta' spazju vojt għal tratturi b'sedil mhux riversibbli

---

🡻 2010/22/UE Art. 4 u Anness IV pt. 1 (adattat)

Iż-żona ta' spazju vojt għal tratturi b'sedil mhux riversibbli hija ddefinita fil-punti 1.6.2.1 sa 1.6.2.11 u hija delimitata mill-uċuħ li ġejjin, meta t-trattur ikun fuq wiċċ orizzontali, is-sedil, fejn ikun jista' jiġi aġġustat, aġġustat fil-pożizzjoni ta' wara l-aktar wieqfa[13], u r-rota tal-istering, fejn tkun tista' tiġi aġġustata, aġġustata fil-pożizzjoni tan-nofs għal sewqan bil-qiegħda:

1.6.2.1 żewġ uċuħ vertikali 250 mm fuq kull naħa tal-wiċċ ta' referenza, fejn dawn l-uċuħ vertikali jestendu 300 mm 'il fuq mill-wiċċ definit fil-punt 1.6.2.8 u b'mod lonġitudinali tal-anqas 550 mm 'il quddiem mill-wiċċ vertikali perpendikulari mal-wiċċ ta' referenza li jgħaddi (210 – $a_h$) mm 'il quddiem mill-punt tal-indiċi tas-sedil;

1.6.2.2 żewġ uċuħ vertikali 200 mm fuq kull naħa tal-wiċċ ta' referenza, fejn dawn l-uċuħ vertikali jestendu 300 mm 'il fuq mill-wiċċ definit fil-punt 1.6.2.8 u b'mod lonġitudinali mill-wiċċ definit fil-punt 1.6.2.11 sal-wiċċ vertikali perpendikulari mal-pjan ta' referenza li jgħaddi (210 – $a_h$) mm 'il quddiem mill-punt tal-indiċi tas-sedil;

1.6.2.3 wiċċ inklinat perpendikulari mal-wiċċ ta' referenza, parallel ma' u 400 mm 'il fuq mil-linja ta' referenza, li jestendi lura sal-punt fejn jaqsam il-pjan vertikali li huwa perpendikulari mal-pjan ta' referenza u li jgħaddi minn punt (140+ $a_h$) mm lura mill-punt tal-indiċi tas-sedil;

1.6.2.4 wiċċ inklinat, perpendikulari mal-wiċċ ta' referenza u li jiltaqa' mal-wiċċ definit fil-punt 1.6.2.3 fix-xifer l-iktar lura u jserraħ fuq id-dahar tas-sedil;

1.6.2.5 wiċċ vertikali perpendikulari mal-wiċċ ta' referenza, li jgħaddi tal-anqas 40 mm 'il quddiem mir-rota tal-istering u tal-anqas 760 – $a_h$ 'il quddiem mill-punt tal-indiċi tas-sedil;

1.6.2.6 wiċċ ċilindriku bl-assi tiegħu perpendikulari mal-wiċċ ta' referenza, li għandu raġġ ta' 150 mm u tanġenzjali mal-uċuħ iddefiniti fil-punti 1.6.2.3 u 1.6.2.5;

1.6.2.7 żewġ uċuħ inklinati paralleli li jgħaddu mit-trufijiet ta' fuq tal-uċuħ iddefiniti fil-punt 1.6.2.1 bil-wiċċ inklinat fuq il-ġenb fejn jiġi applikat l-impatt ma jkunx eqreb minn 100 mm mill-wiċċ ta' referenza 'l fuq miż-żona ta' spazju vojt;

1.6.2.8 wiċċ orizzontali li jgħaddi minn punt 90 – $a_v$ taħt il-punt tal-indiċi tas-sedil;

---

13 L-utenti huma mfakkra li l-punt tal-indiċi tas-sedil huwa ddeterminat skont l-ISO 5353 u huwa punt fiss fir-rigward tat-trattur li ma jiċċaqlaqx hekk kif is-sedil jiġi aġġustat lil hinn mill-pożizzjoni tan-nofs. Għall-finijiet tad-determinazzjoni taż-żona ta' spazju vojt, is-sedil għandu jitqiegħed fil-pożizzjoni ta' wara l-aktar wieqfa.

1.6.2.9 żewġ porzjonijiet tal-wiċċ vertikali perpendikulari mal-wiċċ ta' referenza li jgħaddi 210 – $a_h$ 'il quddiem mill-punt tal-indiċi tas-sedil, fejn dawn iż-żewġ partijiet mill-pjanijiet jgħaqqdu rispettivament il-limiti l-aktar lura tal-uċuħ iddefiniti fil-punt 1.6.2.1 mal-limiti l-aktar 'il quddiem tal-uċuħ iddefiniti fil-punt 1.6.2.2;

1.6.2.10 żewġ porzjonijiet tal-wiċċ orizzontali li jgħaddi 300 mm 'il fuq mill-wiċċ iddefinit fil-punt 1.6.2.8, fejn dawn iż-żewġ partijiet mill-uċuħ jgħaqqdu rispettivament il-limiti l-aktar 'il fuq tal-pjanijiet vertikali ddefiniti fil-punt 1.6.2.2 mal-limiti l-aktar baxxi tal-uċuħ oblikwi ddefiniti fil-punt 1.6.2.7;

---

▼ 2010/22/UE Art. 4 u Anness IV pt. 1

1.6.2.11 wiċċ, għat-tond jekk hemm bżonn, li l-linja ġenerattiva tiegħu hija perpendikulari mal-wiċċ ta' referenza u li sserraħ fuq in-naħa ta' wara tad-dahar tas-sedil.

1.6.3 Determinazzjoni taż-żona ta' spazju vojt għal tratturi b'pożizzjoni tas-sewwieq riversibbli

Għal tratturi b'pożizzjoni tas-sewwieq riversibbli (sedil u rota tal-istering riversibbli), iż-żona ta' spazju vojt hija l-involukru taż-żewġ żoni ta' spazju vojt iddefiniti miż-żewġ pożizzjonijiet differenti tar-rota tal-istering u s-sedil.

1.6.4 Sedili mhux obbligatorji

1.6.4.1 F'każ ta' tratturi li jistgħu jintramaw b'sedili mhux obbligatorji, l-involukru li fih il-punti tal-indiċi tas-sedil tal-għażliet kollha offruti għandu jintuża matul it-testijiet. L-istruttura ta' protezzjoni ma għandhiex tidħol fiż-żona l-kbira ta' spazju vojt li tqis dawn il-punti differenti tal-indiċi tas-sedil.

1.6.4.2 F'każ fejn tiġi offruta għażla ġdida ta' sedil wara li jkun sar it-test, għandu jsir kalkolu biex jinstab jekk iż-żona ta' spazju vojt madwar l-SIP il-ġdid taqax fl-involukru stabbilit qabel. Jekk ma taqax hemm, irid isir test mill-ġdid.

1.7 *Tolleranzi permissibbli ta' kejl*

| | | |
|---|---|---|
| Dimensjonijiet lineari: | | ± 3 mm |
| għajr: | -- deflessjoni tat-tajer: | ± 1 mm |
| | -- deflessjoni tal-istruttura matul it-tagħbijiet orizzontali: | ± 1 mm |
| | -- għoli tal-waqgħa tal-blokka tal-pendlu: | ± 1 mm |
| Mases: | | ± 1 % |
| Forzi: | | ± 2 % |
| Angoli: | | ± 2 ° |

1.8 *Simboli*

| | | |
|---|---|---|
| $a_h$ | (mm) | Nofs l-aġġustament orizzontali tas-sedil |
| $a_v$ | (mm) | Nofs l-aġġustament vertikali tas-sedil |
| B | (mm) | Wisa' minima ġenerali tat-trattur; |
| $B_b$ | (mm) | Wisa' massima esterna tal-istruttura ta' protezzjoni; |
| D | (mm) | Deflessjoni tal-istruttura fil-punt ta' impatt (testijiet dinamiċi) jew fil-punt tal-applikazzjoni tat-tagħbija u bi dritt miegħu (testijiet statiċi); |
| D' | (mm) | Deflessjoni tal-istruttura għall-enerġija kkalkulata meħtieġa; |
| $E_a$ | (J) | L-enerġija tat-tensjoni assorbita fil-punt meta titneħħa t-tagħbija. Żona kontenuta fi ħdan il-kurva F-D; |
| $E_i$ | (J) | Enerġija ta' tensjoni assorbita. Żona taħt il-kurva F-D; |
| $E'_i$ | (J) | Enerġija ta' tensjoni assorbita wara tagħbija addizzjonali wara qasma jew tiċrita; |
| $E''_i$ | (J) | Enerġija ta' tensjoni assorbita f'test ta' tagħbija eċċessiva fil-każ li t-tagħbija tkun tneħħiet qabel jibda dan it-test ta' tagħbija eċċessiva. Żona taħt il-kurva F-D; |
| $E_{il}$ | (J) | Input ta' enerġija li għandha tiġi assorbita matul it-tagħbija lonġitudinali; |
| $E_{is}$ | (J) | Input ta' enerġija li għandha tiġi assorbita matul it-tagħbija laterali; |
| F | (N) | Forza ta' tagħbija statika; |
| F' | (N) | Forza ta' tagħbija għall-enerġija kkalkulata meħtieġa, li tikkorrispondi għal E'i ; |
| F-D | | Dijagramma forza/deflessjoni; |
| $F_i$ | (N) | Forza applikata mat-tagħmir sod ta' wara; |
| $F_{max}$ | (N) | Forza massima ta' tagħbija statika preżenti matul it-tagħbija, bl-eċċezzjoni ta' tagħbija eċċessiva; |
| $F_v$ | (N) | Forza vertikali ta' tgħaffiġ; |
| H | (mm) | Għoli tal-waqgħa tal-blokka tal-pendlu (testijiet dinamiċi); |
| H' | (mm) | Għoli tal-waqgħa tal-blokka tal-pendlu għal test addizzjonali (testijiet dinamiċi); |

| | | |
|---|---|---|
| I | (kg.m2) | Mument ta' inerzja ta' referenza tat-trattur madwar il-linja ċentrali tar-roti ta' wara, tkun xi tkun il-massa ta' dawn ir-roti ta' wara; |
| L | (mm) | Distanza bejn il-fus ta' quddiem u dak ta' wara ta' referenza tat-trattur; |
| M | (kg) | Massa ta' referenza tat-trattur matul testijiet ta' qawwa, kif iddefinit fil-punt 3.2.1.4 fl-Anness II" |

---

| ➔ 87/402/KEE (adattat) |
|---|

## 2. REKWIŻITI ĠENERALI

2.1 Kull struttura ta' protezzjoni u t-twaħħil tagħha mat-trattur għandha tkun iddisinjata u mibnija b'tali mod li twettaq l-għan essenzjali preskritt fil-punt 1.

2.2 Din il-kondizzjoni hija kkunsidrata bħala mwettqa jekk jiġu rrispettati r-rekwiżiti tal-Anness ⌦ II ⌫.

## 3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TA' KOMPONENT KE

3.1 L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa ta' struttura ta' protezzjoni u s-saħħa tat-twaħħil tagħha ma' trattur għandha tiġi ppreżentata mill-manifattur tat-trattur jew mill-manifattur tal-istruttura ta' protezzjoni jew mir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom.

3.2 Mal-applikazzjoni ⌦ għall-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE ⌫ għandu jkun hemm id-dokumenti ⌦ li ġejjin ⌫ , fi tliet kopji, u d-dettalji li ġejjin:

---

| ➔ 87/402/KEE |
|---|

– disinn, jew skala jew b'indikazzjoni tad-dimensjonijiet prinċipali, li juri l-arranġament ġenerali tal-istruttura ta' protezzjoni. Dan id-disinn irid, b'mod partikolari, juri d-dettalji tal-komponenti ta' mmuntar,

– ritratti mill-ġenb u minn quddiem li juru d-dettalji ta' mmuntar,

– deskrizzjoni qasira tal-istruttura ta' protezzjoni, li tinkludi t-tip ta' kostruzzjoni, il-metodu tal-immuntar fuq it-trattur u, fejn meħtieġ, dettalji tal-kisi u tal-ikkuttunar intern,

– dettalji tal-materjali użati fl-istruttura u fl-immuntar tal-istruttura ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib (ara l-Anness III).

3.3 Trattur rappreżentattiv tat-tip ta' trattur li għalih hija maħsuba l-istruttura ta' protezzjoni li għandha tiġi approvata għandu jiġi ppreżentat lis-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE. Dan it-trattur għandu jkun mgħammar bl-istruttura ta' protezzjoni.

Barra minn hekk, il-manifattur għandu jindika l-qisien tat-tajers li jitqiegħdu tajjeb jew li jistgħu jitqiegħdu tajjeb fuq il-fusien ta' quddiem u ta' wara.

3.4 Id-detentur ta' approvazzjoni ta' tip ta' komponent KE jista' jitlob li din tiġi estiża għal tipi oħra ta' tratturi. L-awtorità kompetenti li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE oriġinali għandha tagħti l-estensjoni jekk l-istruttura ta' protezzjoni approvata u t-tip(i) ta' tratturi li għalihom tkun mitluba l-estensjoni jkunu jikkonformaw mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

---

| ➔ 87/402/KEE (adattat) |
|---|

– il-piż tat-trattur mingħajr saborra, kif definit ⌦ fil-punt 2.1 tal-Mudell A fl-Anness I tad-Direttiva 2003/37/KE ⌫, ma jeċċedix b'aktar minn 5 % l-piż ta' referenza użat fit-test;

---

| ➔ 87/402/KEE |
|---|

– il-metodu ta' twaħħil u l-punti tat-twaħħil mat-trattur identiċi,

– xi komponenti bħal parafangi u l-bonit li jistgħu jipprovdu sostenn għall-istruttura ta' protezzjoni hom saħħa identika u f'pożizzjoni identika fir-rigward tal-istruttura ta' protezzjoni,

– id-dimensjonijiet kritiċi u l-pożizzjoni tas-sedil u tar-rota tal-istering b'relazzjoni mal-istruttura ta' protezzjoni, u l-pożizzjoni b'relazzjoni mal-istruttura ta' protezzjoni tal-punti li huma kkunsidrati bħala riġidi u kkunsidrati sabiex jiġi vverifikat li ż-żona ta' spazju vojt hija protetta, huma tali li ż-żona ta' spazju vojt tkompli tkun protetta bl-istruttura wara li din tal-aħħar tkun għaddiet mid-diformazzjoni li tirriżulta mid-diversi testijiet.

## 4. MARKI

4.1 Kull struttura ta' protezzjoni li tikkonforma mat-tip approvat għandu ikollha l-marki li ġejjin:

4.1.1 It-trade mark jew l-isem kummerċjali;

4.1.2 Marka ta' approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE li tikkonforma mal-eżempju fl-Anness IV;

4.1.3 Numru tas-serje tal-istruttura ta' protezzjoni;

4.1.4 Id-ditta u t-tip(i) ta' trattur(i) li għalih hija maħsuba l-istruttura ta' protezzjoni.

4.2 Dawn id-dettalji kollha għandhom jidhru fuq plakka żgħira.

4.3 Dawn il-marki għandhom jkunu li jidhru, li jinqraw u li ma jistgħux jitħassru.

↓ 2010/22/UE Art. 4 u Anness IV, pt. 2 (adattat)

# ANNESS II

## Rekwiżiti tekniċi

Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip KE ta' strutturi ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib immuntati fuq in-naħa ta' quddiem tas-sedil tas-sewwieq fuq tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija b'karreġġata dejqa għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-punt 3 tal-Kodiċi 6[14] tad-Deċiżjoni tal-OECD C(2008) 128 ta' Ottubru 2008, għajr għall-punti 3.2.4 (Rapport tat-test), 3.4.1 (Estensjoni amministrattiva), 3.5 (Ittikkettjar) u 3.7 (Rendiment tal-ankraġġ taċ-ċinturin tas-sigurtà), u jaqraw kif ġej:

"3. REGOLI U ISTRUZZJONIJIET

3.1 **Kundizzjonijiet minn qabel għat-testijiet ta' saħħa**

3.1.1 *Tlestija ta' żewġ testijiet preliminari*

L-istruttura ta' protezzjoni tista' tkun suġġetta għat-testijiet ta' saħħa biss jekk kemm it-Test ta' Stabbiltà Laterali kif ukoll it-Test tat-Tgerbib Mhux Kontinwu tlestew b'mod sodisfaċenti (ara d-dijagramma tal-fluss bħala l-Figura 6.3).

3.1.2 *Preparazzjoni għat-testijiet preliminari*

3.1.2.1 It-trattur irid ikun mgħammar bl-istruttura ta' protezzjoni fil-pożizzjoni sikura tagħha.

3.1.2.2 It-trattur irid ikun mgħammar b'tajers li għandhom l-akbar dijametru indikat mill-manifattur u l-iżgħar sezzjoni trażversali għal tajers b'dak id-dijametru. It-tajers ma jistgħux ikunu mgħobbija b'saborra likwida u jridu jkunu minfuħa sal-pressjoni rakkomandata għax-xogħol f'għalqa.

3.1.2.3 Ir-roti ta' wara jridu jkunu ssettjati sal-idjaq wisa' tat-trekk; ir-roti ta' quddiem għandhom jiġu ssettjati qrib kemm jista' jkun tal-istess wisa' tat-trekk. Jekk ikun possibbli li jkun hemm żewġ posizzjonijiet ta' ssettjar tat-trekk ta' quddiem li jkunu differenti b'mod ugwali mill-issettjar tal-idjaq trekk ta' wara, għandu jintgħażel l-usa' minn dawn iż-żewġ posizzjonijiet ta' ssettjar tat-trekk ta' quddiem.

3.1.2.4 It-tankijiet kollha tat-trattur iridu jimtlew jew inkella l-likwidi jridu jiġu sostitwiti b'massa ekwivalenti fil-pożizzjoni korrispondenti.

3.1.2.5 L-aċċessorji kollha użati fil-produzzjoni tas-serje għandhom jitwaħħlu mat-trattur fil-pożizzjoni normali.

---

14 Il-kodiċi standard tal-OECD għall-ittestjar uffiċjali ta' strutturi ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib immuntati fuq in-naħa ta' quddiem ta' tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija b'karreġġata dejqa.

3.1.3 *Test ta' stabbiltà laterali*

3.1.3.1 It-trattur, ippreparat kif speċifikat hawn fuq, jitqiegħed fuq wiċċ orizzontali b'tali mod li l-punt tal-pern tal-fus ta' quddiem tat-trattur jew, fil-każ ta' trattur artikulat, il-punt tal-pern orizzontali bejn iż-żewġ fusien jistgħu jiċċaqalqu liberament.

3.1.3.2 Bl-użu ta' ġakk jew parank, mejjel il-parti tat-trattur li hija konnessa b'mod riġidu mal-fus li qed iġorr aktar minn 50 % tal-piż tat-trattur, filwaqt li tkejjel b'mod kostanti l-angolu ta' inklinazzjoni. Dan l-angolu għandu jkun tal-anqas 38° fil-mument meta t-trattur ikun qed iserraħ fi stat ta' ekwilibriju mhux stabbli fuq ir-roti li jmissu mal-art. Wettaq it-test darba bir-rota tal-istering imdawra kompletament u maqfula fuq in-naħa tal-lemin u darba bir-rota tal-istering imdawra kompletament u maqfula fuq in-naħa tax-xellug.

3.1.4 *Test ta' tgerbib mhux kontinwu*

3.1.4.1 Rimarki ġenerali

Dan it-test huwa maħsub biex jivverifika jekk l-istruttura mgħammra mat-trattur għall-protezzjoni tas-sewwieq tistax tipprevjeni b'mod sodisfaċenti t-tgerbib kontinwu tat-trattur fil-każ li jinqaleb lateralment f'niżla b'pendil ta' 1 f'1.5 (il-Figura 6.4).

Evidenza ta' tgerbib mhux kontinwu tista' tinkiseb skont wieħed miż-żewġ metodi deskritti fil-punti 3.1.4.2 u 3.1.4.3.

3.1.4.2 Dimostrazzjoni ta' mġiba ta' tgerbib mhux kontinwu permezz tat-test tal-qlib

3.1.4.2.1 It-test tal-qlib irid isir fuq niżla għat-test twila tal-anqas erba' metri (ara l-Figura 6.4). Il-wiċċ irid ikun kopert b'ringiela ta' 18-il ċm ta' materjal li, kif imkejjel skont l-Istandards ASAE S313.3 FEB1999 u ASAE EP542 FEB1999 li huma relatati ma' penetrometru ta' kon tal-ħamrija, għandu indiċi tal-penetrazzjoni tal-kon ta':

$$A = 235 \pm 20$$

jew

$$B = 335 \pm 20$$

3.1.4.2.2 It-trattur (imħejji kif deskritt fil-punt 3.1.2) huwa mmejjel lateralment b'veloċità inizjali żero. Għal dan il-għan, huwa jitqiegħed fil-bidu tan-niżla tat-test b'tali mod li r-roti fuq in-naħa nieżla jserrħu fuq in-niżla u l-wiċċ medjan tat-trattur ikun parallel mal-linji ta' kontorn. Wara li jolqot wiċċ in-niżla tat-test, it-trattur ikun jista' jerfa' lilu nnifsu mill-wiċċ billi jdur mar-rokna ta' fuq tal-istruttura ta' protezzjoni, imma ma jridx jinqaleb. Irid jaqa' lura fuq in-naħa li laqat l-ewwel.

3.1.4.3 Dimostrazzjoni ta' mġiba ta' tgerbib mhux kontinwu b'kalkolu

3.1.4.3.1 Għall-fini ta' verifika tal-imġiba ta' tgerbib mhux kontinwu b'kalkolu, id-dejta karatteristika tat-trattur li ġejja trid tiġi aċċertata (ara l-Figura 6.5):

| | | |
|---|---|---|
| $B_0$ | (m) | Wisa' tat-tajer ta' wara; |
| $B_6$ | (m) | Wisa' tal-istruttura ta' protezzjoni bejn il-punti tal-lemin u tax-xellug tal-impatt; |
| $B_7$ | (m) | Wisa' tal-bonit tal-magna; |
| $D_0$ | (rad) | L-angolu ta' tbandil tal-fus ta' quddiem mill-pożizzjoni żero sa tmiem id-distanza tal-vjaġġ; |
| $D_2$ | (m) | L-għoli tat-tajers ta' quddiem b'tagħbija sħiħa tal-fus; |
| $D_3$ | (m) | L-għoli tat-tajers ta' wara b'tagħbija sħiħa tal-fus; |
| $H_0$ | (m) | Għoli tal-punt ta' quddiem tal-pern tal-fus; |
| $H_1$ | (m) | L-għoli taċ-ċentru ta' gravità; |
| $H_6$ | (m) | L-għoli fil-punt ta' impatt; |
| $H_7$ | (m) | L-għoli tal-bonit tal-magna; |
| $L_2$ | (m) | Id-distanza orizzontali bejn iċ-ċentru ta' gravità u l-fus ta' quddiem; |
| $L_3$ | (m) | Id-distanza orizzontali bejn iċ-ċentru ta' gravità u l-fus ta' wara; |
| $L_6$ | (m) | Id-distanza orizzontali bejn iċ-ċentru ta' gravità u l-punt prinċipali ta' intersezzjoni tal-istruttura ta' protezzjoni (li għandu jiġi preċedut minn simbolu tan-negattiv jekk dan il-punt qiegħed quddiem il-wiċċ taċ-ċentru ta' gravità); |
| $L_7$ | (m) | Id-distanza orizzontali bejn iċ-ċentru ta' gravità u r-rokna ta' quddiem tal-bonit tal-magna; |
| $M_c$ | (kg) | Massa tat-trattur użata għall-kalkolu; |
| Q | ($kgm^2$) | Il-mument ta' inerzja madwar il-fus lonġitudinali minn ġoċ-ċentru ta' gravità; |
| S | (m) | Wisa' tat-trekk ta' wara. |

Is-somma tal-wisgħat tat-trekk (S) u tat-tajers ($B_0$) trid tkun akbar mill-wisa' $B_6$ tal-istruttura ta' protezzjoni.

MT



MT

3.1.4.3.2 Għall-finijiet ta' kalkolu, jistgħu jsiru s-suppożizzjonijiet ta' semplifikazzjoni li ġejjin:

3.1.4.3.2.1 it-trattur wieqaf jinqaleb fuq niżla b'pendil ta' 1/1,5 b'fus ta' quddiem ibbilanċjat, malli ċ-ċentru ta' gravità jkun vertikalment fuq il-fus ta' rotazzjoni;

3.1.4.3.2.2 il-fus ta' rotazzjoni huwa parallel mal-fus lonġitudinali tat-trattur u jgħaddi miċ-ċentru tal-uċuħ ta' kuntatt tar-roti ta' quddiem u ta' wara għan-niżla,

3.1.4.3.2.3 it-trattur ma jiżżerżaqx 'l isfel;

3.1.4.3.2.4 l-impatt fuq in-niżla huwa parzjalment elastiku, b'koeffiċjent ta' elastiċità ta':

$$U = 0{,}2$$

3.1.4.3.2.5 il-fond tal-penetrazzjoni fin-niżla u d-deformazzjoni tal-istruttura ta' protezzjoni flimkien jammontaw għal:

$$T = 0{,}2 \text{ m}$$

3.1.4.3.2.6 l-ebda komponenti oħra tat-trattur ma jippenetraw fin-niżla.

3.1.4.3.3 Il-programm tal-kompjuter (BASIC[15]) li jiddetermina l-imġiba tal-qlib kontinwu u interrott ta' trattur bi trekk dejjaq li jinqaleb lateralment bi struttura ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib imwaħħla fuq quddiem huwa parti mill-Kodiċi preżenti, bl-eżempji minn 6.1 sa 6.11.

3.1.5 *Metodi ta' kejl*

3.1.5.1 Id-distanzi orizzontali bejn iċ-ċentru ta' gravità u l-fus ta' wara ($L_3$) jew dak ta' quddiem ($L_2$)

Id-distanza bejn l-fusien ta' wara u ta' quddiem fuq iż-żewġ naħat tat-trattur għandha titkejjel sabiex jiġi vverifikat li ma hemm l-ebda angolu ta' stering.

Id-distanzi bejn iċ-ċentru ta' gravità u l-fus ta' wara ($L_3$) jew il-fus ta' quddiem ($L_2$) għandhom ikunu kkalkulati mid-distribuzzjoni tal-massa tat-trattur bejn ir-roti ta' wara u ta' quddiem.

3.1.5.2 L-għoli tat-tajers ta' wara ($D_3$) u ta' quddiem ($D_2$)

Id-distanza mill-ogħla punt tat-tajer sa wiċċ l-art għandha titkejjel (il-Figura 6.5), u l-istess metodu għandu jintuża għat-tajers ta' quddiem u ta' wara.

3.1.5.3 Id-distanza orizzontali bejn iċ-ċentru ta' gravità u l-punt ewlieni ta' intersezzjoni tal-istruttura ta' protezzjoni ($L_6$).

Id-distanza bejn iċ-ċentru ta' gravità u l-punt ewlieni ta' intersezzjoni tal-istruttura ta' protezzjoni għandha titkejjel (il-Figuri 6.6.a, 6.6.b u 6.6.c). Jekk l-istruttura ta'

15 Il-programm u l-eżempji huma disponibbli fuq il-websajt tal-OECD.

protezzjoni tinsab quddiem il-wiċċ taċ-ċentru ta' gravità, il-miżura rreġistrata għandha tkun preċeduta minn simbolu tan-negattiv ($-L_6$)

3.1.5.4 Wisa' tal-istruttura ta' protezzjoni ($B_6$)

Id-distanza bejn il-punti tal-impatt tal-lemin u tax-xellug taż-żewġ postijiet vertikali tal-istruttura għandha titkejjel.

Il-punt tal-impatt huwa ddefinit mill-wiċċ tanġenzjali għall-istruttura ta' protezzjoni li jgħaddi mil-linja magħmula mill-punti ta' barra ta' fuq tat-tajer ta' quddiem u ta' wara (il-Figura 6.7).

3.1.5.5 Għoli tal-istruttura ta' protezzjoni ($H_6$)

Id-distanza vertikali mill-punt tal-impatt tal-istruttura għal wiċċ l-art għandha titkejjel.

3.1.5.6 Għoli tal-bonit tal-magna ($H_7$)

Id-distanza vertikali mill-ponta tal-impatt tal-bonit tal-magna għal wiċċ l-art għandha titkejjel.

Il-punt tal-impatt huwa definit mill-wiċċ tanġenzjali għall-bonit tal-magna u l-istruttura ta' protezzjoni li jgħaddi mill-punti ta' barra ta' fuq tat-tajer ta' quddiem (il-Figura 6.7). Il-qisien għandhom jittieħdu fuq iż-żewġ naħat tal-bonit tal-magna.

3.1.5.7 Wisa' tal-bonit tal-magna ($B_7$)

Id-distanza bejn iż-żewġ punti tal-impatt tal-bonit tal-magna kif definita preċedentement għandha titkejjel.

3.1.5.8 Id-distanza orizzontali bejn iċ-ċentru tal-gravità u l-kantuniera ta' quddiem tal-bonit tal-magna ($L_7$)

Id-distanza bejn il-punt tal-impatt tal-bonit tal-magna, kif definita preċedentement, għaċ-ċentru tal-gravità għandha titkejjel.

3.1.5.9 Għoli tal-ponta ta' quddiem tal-pern tal-fus ($H_0$)

Id-distanza vertikali bejn iċ-ċentru tal-ponta ta' quddiem tal-pern tal-fus għaċ-ċentru tal-fus tat-tajers ta' quddiem ($H_{01}$) għandha tkun inkluża fir-rapport tekniku tal-manifattur u għandha tiġi ċċekkjata.

Id-distanza vertikali miċ-ċentru tal-fus tat-tajers ta' quddiem għal wiċċ l-art ($H0_2$) għandha titkejjel (il-Figura 6.8).

L-għoli tal-pern tal-fus ta' quddiem ($H_0$) huwa s-somma taż-żewġ valuri preċedenti.

3.1.5.10 Il-wisa' ta' bejn iż-żewġ roti ta' wara (S)

Il-wisa' minima ta' bejn iż-żewġ roti ta' wara mgħammra b'tajers tal-akbar daqs, kif speċifikat mill-manifattur, għandha titkejjel (il-Figura 6.9).

3.1.5.11 Il-wisa' ta' bejn iż-żewġ tajers ta' wara ($B_0$)

Id-distanza ta' bejn l-uċuħ vertikali ta' barra u ta' ġewwa ta' tajer ta' wara fil-parti superjuri tiegħu għandha titkejjel (il-Figura 6.9).

3.1.5.12 L-angolu li jixxengel tal-fus ta' quddiem ($D_0$)

L-akbar angolu definit bix-xengil tal-fus ta' quddiem mill-pożizzjoni orizzontali għad-deflessjoni massima għandu jitkejjel miż-żewġ naħat tal-fus, waqt li tkun meħuda inkonsiderazzjoni kwalunkwe end-stroke tax-shock absorber. Għandu jintuża l-angolu massimu mkejjel.

3.1.5.13 Il-Massa tat-Trattur (M)

Il-massa tat-trattur għandha tkun determinata skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-punt 3.2.1.4.

3.2 **Kundizzjonijiet għall-ittestjar tas-saħħa tal-istrutturi ta' protezzjoni u tat-twaħħil tagħhom mat-trattur**

3.2.1 *Rekwiżiti ġenerali*

3.2.1.1 L-iskopijiet tal-ittestjar

Testijiet li jsiru bl-użu ta' riggijiet speċjali huma maħsuba li jissimulaw it-tagħbijiet imposti fuq struttura ta' protezzjoni, meta jinqaleb it-trattur. Dawn it-testijiet jippermettu li jsiru osservazzjonijiet fuq is-saħħa tal-istruttura ta' protezzjoni u fuq il-brakits li jwaħħluha mat-trattur u fuq partijiet oħra tat-trattur li jittrasmettu t-tagħbija tat-test.

3.2.1.2 Il-metodi tal-ittestjar

It-testijiet jistgħu jiġu mwettqa skont il-proċedura dinamika jew il-proċedura statika. Iż-żewġ metodi huma meqjusa ekwivalenti.

3.2.1.3 Ir-regoli ġenerali li jirregolaw il-preparazzjoni għat-testijiet

3.2.1.3.1 L-istruttura ta' protezzjoni għandha tkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tal-produzzjoni tas-serje. Għandha titwaħħal skont il-metodu rrakkomandat mill-manifattur ma' wieħed mit-tratturi li għalihom hi ddisinjata.

Nota: Għat-test statiku tas-saħħa ma hemmx il-ħtieġa ta' trattur komplut; madankollu, l-istruttura ta' protezzjoni u l-partijiet tat-trattur li magħhom titwaħħal jirrappreżentaw stallazzjoni ta' tħaddim, minn issa 'l quddiem imsejħa 'il-muntaġġ'.

3.2.1.3.2 Kemm għat-test statiku kif ukoll għat-test dinamiku t-trattur kif immuntat (jew il-muntaġġ) għandu jiġi mgħammar bil-komponenti kollha tal-produzzjoni tas-serje li jistgħu jaffettwaw is-saħħa tal-istruttura ta' protezzjoni jew li jistgħu jkunu meħtieġa għat-test tas-saħħa.

Il-komponenti li jistgħu joħolqu periklu fiż-żona ta' spazju vojt għandhom wkoll jiġu mgħammra fuq it-trattur (jew il-muntaġġ) biex ikunu jistgħu jiġu eżaminati biex

jinstab jekk ir-rekwiżiti tal-Kundizzjonijiet ta’ Aċċettazzjoni fil-punt 3.2.3 ġewx sodisfatti.

Il-komponenti kollha tat-trattur jew tal-istruttura ta' protezzjoni li jinkludu l-protezzjoni kontra t-temp għandhom jiġu pprovduti jew deskritti fid-disinji.

3.2.1.3.3 Għat-testijiet tas-saħħa, il-pannelli kollha u l-komponenti kollha li mhumiex strutturali u li jistgħu jinqalgħu għandhom jitneħħew biex ma jgħinux fit-tisħiħ tal-istruttura ta' protezzjoni.

3.2.1.3.4 Il-wisa' ta' bejn iż-żewġ roti għandha tiġi aġġustata biex l-istruttura ta' protezzjoni ma tkunx kemm jista' jkun mirfuda bit-tajers matul it-testijiet tas-saħħa. Jekk dawn it-testijiet isiru skont il-proċedura statika, ir-roti jistgħu jitneħħew.

3.2.1.4 Massa ta’ referenza tat-trattur matul it-testijiet tas-saħħa

Il-massa ta’ referenza M, użata fil-formuli sabiex jiġu kkalkulati l-għoli tal-waqgħa tal-blokka tal-pendlu, l-enerġiji tat-tagħbija u l-forzi ta' tgħaffiġ, għandha tkun mill-inqas il-massa tat-trattur, li teskludi aċċessorji mhux obbligatorji imma li tinkludi coolant, żjut, fjuwil, għodod flimkien mal-istruttura ta' protezzjoni. Mhumiex inklużi piżijiet mhux obbligatorji fuq quddiem jew fuq wara, ballast tat-tajer, implementi mwaħħlin, tagħmir armat jew kwalunkwe komponenti speċjalizzati.

3.2.2 *Testijiet*

3.2.2.1 Sekwenza tat-testijiet

Is-sekwenza tat-testijiet, bla ħsara għat-testijiet addizzjonali msemmija fil-punti 3.3.1.1.6, 3.3.1.1.7, 3.3.2.1.6 u 3.3.2.1.7, hija kif ġej:

(1) l-impatt (test dinamiku) jew it-tagħbija (test statiku) fuq wara tal-istruttura

(ara l-punti 3.3.1.1.1 u 3.3.2.1.1);

(2) test ta' tgħaffiġ fuq wara (test dinamiku jew statiku)

(ara l-punti 3.3.1.1.4 u 3.3.2.1.4);

(3) l-impatt (test dinamiku) jew it-tagħbija (test statiku) fuq quddiem tal-istruttura

(ara l-punti 3.3.1.1.2 u 3.3.2.1.2);

(4) l-impatt (test dinamiku) jew it-tagħbija (test statiku) fuq il-ġenb tal-istruttura

(ara l-punti 3.3.1.1.3 u 3.3.2.1.3);

(5) tgħaffiġ fuq quddiem tal-istruttura (test dinamiku jew statiku)

(ara l-punti 3.3.1.1.5 u 3.3.2.1.5).

3.2.2.2 Rekwiżiti ġenerali

3.2.2.2.1 Jekk, matul it-test, xi parti tal-apparat li miegħu jintrabat it-trattur tiċċaqlaq jew tinkiser, it-test għandu jerġa' jsir mill-ġdid.

3.2.2.2.2 Ma jistgħu jsiru l-ebda tiswijiet jew aġġustamenti lit-trattur jew lill-istruttura ta' protezzjoni waqt it-testijiet.

3.2.2.2.3 Il-gerboks tat-trattur għandha tkun fin-newtral u l-brejkijiet maħlula matul it-testijiet.

3.2.2.2.4 Jekk it-trattur ikun mgħammar b'sistema ta' sospensjoni bejn il-karozzerija tat-trattur u r-roti, din għandha tiġi bblokkata matul it-testijiet.

3.2.2.2.5 In-naħa magħżula għall-applikazzjoni tal-ewwel impatt (test dinamiku) jew l-ewwel tagħbija (test statiku) fuq in-naħa ta' wara tal-istruttura għandha tkun dik li, fl-opinjoni tal-awtoritajiet li qed iwettqu t-test, tirriżulta fl-applikazzjoni tas-serje ta' impatti jew tagħbija fl-aktar kundizzjonijiet mhux favorevoli għall-istruttura. L-impatt jew it-tagħbija laterali u l-impatt jew it-tagħbija fuq wara għandhom jiġu applikati fuq iż-żewġ naħat tal-wiċċ lonġitudinali medjan tal-istruttura ta' protezzjoni. L-impatt jew it-tagħbija ta' quddiem għandhom jiġu applikati fuq l-istess ġenb tal-wiċċ lonġitudinali medjan tal-istruttura ta' protezzjoni tal-impatt jew it-tagħbija laterali.

3.2.3 *Kundizzjonijiet ta' aċċettazzjoni*

3.2.3.1 Struttura ta’ protezzjoni tkun meqjusa bħala waħda li tissodisfa r-rekwiżiti tas-saħħa jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

3.2.3.1.1 wara kull parti tat-test għandha tkun ħielsa minn xquq jew tiċrit skont it-tifsira tal-punti 3.3.1.2.1 jew 3.2.3.1.2. Jekk, matul xi wieħed mit-testijiet, jidhru xquq jew tiċrit sinifikanti, għandu jiġi applikat test addizzjonali, skont it-testijiet dinamiċi jew statiċi, immedjatament wara l-impatt jew it-tgħaffiġ li jkun ikkaġuna li jidhru t-tiċritiet jew xquq;

3.2.3.1.2 matul it-testijiet minbarra t-test ta' tagħbija eċċess, l-ebda parti tal-istruttura ta' protezzjoni ma għandha tidħol fiż-żona ta' spazju vojt kif definit fil-punt 1.6 fl-Anness I;

3.2.3.1.3 matul it-testijiet minbarra t-test ta' tagħbija eċċess, il-partijiet kollha taż-żona ta' spazju vojt għandhom ikunu żgurati mill-istruttura, skont il-punti 3.3.1.2.2 u 3.3.2.2.2;

3.2.3.1.4 matul it-testijiet l-istruttura ta' protezzjoni ma għandha timponi l-ebda trażżin fuq l-istruttura tas-sedil;

3.2.3.1.5 id-deflessjoni elastika, imkejla skont il-punti 3.3.1.2.3 u 3.3.2.2.3 għandha tkun inqas minn 250 mm.

3.2.3.2 Ma għandu jkun hemm l-ebda aċċessorju li jkun ta' periklu għas-sewwieq. Ma għandu jkun hemm l-ebda aċċessorju jew xi parti ħierġa 'l barra li tista’ tweġġa' lis-sewwieq fil-każ li t-trattur jinqaleb, jew xi aċċessorju jew xi parti li tista’ taqflu ġewwa – pereżempju bir-riġel jew bis-sieq – b’riżultat tad-deflessjonijiet tal-istruttura.

3.2.4 [mhux applikabbli]

3.2.5 *Apparat u tagħmir għat-testijiet dinamiċi*

3.2.5.1 Blokka tal-pendlu

3.2.5.1.1 Blokka li taġixxi bħala pendlu għandha tkun sospiża b'żewġ ktajjen jew ħbula tal-wajer minn punti tal-pern mhux anqas minn 6 m 'l fuq mill-art. Għandu jiġi pprovdut mezz biex l-għoli sospiż tal-blokka u l-angolu bejn il-blokka u l-ktajjen jew il-ħbula tal-wajer li qed jirfdu, ikunu jistgħu jiġu aġġustati indipendentement.

3.2.5.1.2 Il-massa tal-blokka tal-pendlu għandha tkun ta' 2 000 ± 20 kg eskluża l-massa tal-ktajjen jew tal-ħbula tal-wajer li dawn, min-naħa tagħhom, ma għandhomx jaqbżu l-100 kg. It-tul tal-ġnub tal-wiċċ tal-impatt għandu jkun ta' 680 ± 20 mm (ara l-Figura 6.10). Il-blokka għandha tkun mimlija b'tali mod li l-pożizzjoni taċ-ċentru tal-gravità tagħha tkun kostanti u tikkoinċidi maċ-ċentru ġeometriku tal-parallelepiped.

3.2.5.1.3 Il-parallelepiped għandu jkun imqabbad mas-sistema li tiġbdu lura b'mekkaniżmu li jerħi instantanjament li hu ddisinjat u mqiegħed b'tali mod li jippermetti lill-blokka tal-pendlu li tintreħa mingħajr ma tikkawża li l-parallelepiped jitbandal madwar il-fus orizzontali tiegħu li huwa perpendikulari mal-wiċċ tat-tbandil tal-pendlu.

3.2.5.2 L-irfid tal-pendlu

Il-punti tal-pern tal-pendlu għandhom ikunu mwaħħla b'mod riġidu biex l-ispostament tagħhom f'kull direzzjoni ma jaqbiżx il-1 % tal-għoli tal-waqgħa.

3.2.5.3 L-irbit

3.2.5.3.1 Ganċijiet ta' ankraġġ tal-wisa' ta' bejn iż-żewġ roti skont ir-rekwiżiti u li jkopru l-parti meħtieġa għall-irbit tat-trattur fil-każijiet spjegati (ara l-Figuri 6.11, 6.12 u 6.13) għandhom jitwaħħlu b'mod riġidu ma' bażi li ma ċċedix taħt il-pendlu.

3.2.5.3.2 It-trattur għandu jintrabat mal-ganċijiet permezz ta' ħabel tal-wajer b'kurduni tondi, bil-qalba tal-fibra, ta' kostruzzjoni 6 × 19 skont ISO 2408:2004 u ta' dijametru nominali ta' 13 mm. Il-kurduni tal-metall għandu jkollhom saħħa finali tensili ta' 1770 MPa.

3.2.5.3.3 Il-pern ċentrali ta' trattur artikulat għandu jintrifed u jintrabat kif inhu xieraq għat-testijiet kollha. Għat-test tal-impatt laterali, il-pern għandu jkun mirfud ukoll min-naħa faċċata tal-impatt. Ir-roti ta' quddiem u ta' wara ma għandhomx bżonn ikunu bi dritt xulxin jekk dan jiffaċilita li l-ħbula tal-wajer jitwaħħlu kif suppost.

3.2.5.4 Riffied u seratizz tar-rota

3.2.5.4.1 Matul it-testijiet tal-impatt, għandu jintuża travu ta' njam artab ta' 150 mm kwadru bħala riffied għar-roti (ara l-Figuri 6.11, 6.12 u 6.13).

3.2.5.4.2 Matul it-testijiet tal-impatt laterali, travu ta' njam artab għandu jiġi marbut mal-art biex jorbot ix-xifer tar-rota faċċata n-naħa tal-impatt (ara l-Figura 6.13).

3.2.5.5 Riffieda u rabbata għat-tratturi artikulati

3.2.5.5.1 Riffieda u rabbata addizzjonali għandhom jintużaw għat-tratturi artikulati. L-għan tagħhom hu li jiġi assigurat li s-sezzjoni tat-trattur li fuqha hija mwaħħla l-istruttura ta' protezzjoni hija riġida daqs dik ta' trattur mhux artikolat.

3.2.5.5.2 Dettalji speċifiċi addizzjonali jinsabu fil-punt 3.3.1.1 għat-testijiet tal-impatt u tat-tgħaffiġ.

3.2.5.6 Pressjoni u deflessjonijiet tat-tajers

3.2.5.6.1 It-tajers tat-trattur ma jistgħux ikunu mgħobbija b'saborra likwida u għandhom ikunu minfuħa sal-pressjoni preskritta mill-manifattur tat-trattur għax-xogħol tal-għalqa.

3.2.5.6.2 L-irbit għandu jiġi ssikkat f'kull każ partikolari b'mod li t-tajers jgħaddu minn deflessjoni ugwali għal 12 % tal-għoli tal-ħajt tat-tajer (distanza bejn l-art u l-aktar punt baxx tax-xifer) qabel dan jiġi ssikkat.

3.2.5.7 Tagħmir tat-tgħaffiġ

It-tagħmir kif muri fil-Figura 6.14 għandu jkun jista' jeżerċita forza 'l isfel fuq struttura ta' protezzjoni minn ġo travu riġidu ta' wisa' bejn wieħed u ieħor 250 mm imqabbad mal-mekkaniżmu li japplika t-tagħbija permezz ta' ġogi universali. Għandhom ikunu pprovduti pjanċi xierqa tal-fus biex it-tajers tat-trattur ma jsofrux il-forza tat-tgħaffiġ.

3.2.5.8 Apparat tal-kejl

L-apparat tal-kejl li ġej huwa meħtieġ:

3.2.5.8.1 strument li jkejjel id-deflessjoni elastika (id-differenza bejn id-deflessjoni momentarja massima u d-deflessjoni permanenti, (ara l-Figura 6.15).

3.2.5.8.2 strument biex jiġi vverifikat li l-istruttura ta' protezzjoni ma tkunx daħlet fiż-żona ta' spazju vojt u li din tal-aħħar baqgħet taħt il-protezzjoni tal-istruttura matul it-test (ara l-punt 3.3.2.2.2).

3.2.6 *Apparat u tagħmir għal testijiet statiċi*

3.2.6.1 It-tagħmir għall-ittestjar statiku

3.2.6.1.1 It-tagħmir għall-ittestjar statiku għandu jkun iddisinjat b'tali mod li jippermetti li jiġu applikati daqqiet jew tagħbija fuq l-istruttura ta' protezzjoni.

3.2.6.1.2 Wieħed għandu jaħseb biex it-tagħbija tiġi mqassma b'mod uniformi u b'mod normali mad-direzzjoni tat-tagħbija u matul il-ħanek li jkollu tul ta' wieħed mill-multipli eżatti ta' 50 bejn il-250 u s-700 mm. It-travu iebes għandu jkollu dimensjoni tal-wiċċ vertikali ta' 150 mm. It-trufijiet tat-travu f'kuntatt mal-istruttura ta' protezzjoni għandhom jiġu magħwġa b'raġġ massimu ta' 50 mm.

3.2.6.1.3 Il-pjattaforma għandha tkun tista' tiġi aġġustata għal kull angolu b'relazzjoni mad-direzzjoni tat-tagħbija, biex tkun tista' ssegwi l-varjazzjonijiet angolari tal-wiċċ tal-istruttura li terfa' t-tagħbija hekk kif l-istruttura tintlewa.

3.2.6.1.4 Id-direzzjoni tal-forza (devjazzjoni mill-orizzontal u mill-vertikal):

– fil-bidu tat-test, taħt tagħbija żero: ± 2°;

– matul it-test, taħt il-tagħbija: 10° il fuq u 20° taħt l-orizzontali. Dawn il-varjazzjonijiet għandhom jinżammu għal minimu.

3.2.6.1.5 Ir-rata ta' deflessjoni għandha tkun daqstant bil-mod, inqas minn 5 mm/s, li t-tagħbija f'kull mument tkun ikkunsidrata bħala statika.

3.2.6.2 Apparat għall-kejl tal-enerġija assorbita mill-istruttura

3.2.6.2.1 Il-kurva tal-forza kontra d-deflessjoni għandha tiġi maħżuża biex tkun stabbilita l-enerġija assorbita mill-istruttura. Ma hemmx il-ħtieġa li jkunu mkejla l-forza u d-deflessjoni fil-waqt meta t-tagħbija tiġi applikata fuq l-istruttura; madankollu, il-forza u d-deflessjoni għandhom jiġu mkejla simultanjament u ko-linearment.

3.2.6.2.2 Il-punt tal-oriġini tal-qisien tad-deflessjoni għandhom jintagħżlu b'tali mod li tiġi kkunsidrata biss l-enerġija assorbita mill-istruttura u/jew mid-deflessjoni ta' ċerti partijiet tat-trattur. L-enerġija assorbita mid-deflessjoni u/jew miż-żelqa tal-ankoraġġ għandha tiġi injorata.

3.2.6.3 Mezzi tal-ankoraġġ tat-trattur mal-art

3.2.6.3.1 Il-ganċijiet tal-ankoraġġ bil-wisa' ta' bejn iż-żewġ roti rikjest, u li jkopru ż-żona meħtieġa biex jiġi ankrat it-trattur fil-każijiet kollha mogħtija, għandhom jeħlu b'mod riġidu ma' bażi li ma tiċċaqlaqx ħdejn it-tagħmir tat-test.

3.2.6.3.2 It-trattur għandu jiġi ankrat mal-ganċijiet permezz ta' mezz adattat (pjanċi, kunjardi, ħbula tal-wajer, ġakkijiet, eċċ) b'tali mod li ma jkunx jista' jiċċaqlaq matul it-testijiet. Din il-kundizzjoni għandha tiġi verifikata matul it-test, permezz tal-mekkaniżmi li normalment jintużaw biex jitkejjel it-tul.

Jekk it-trattur jiċċaqlaq, it-test kollu għandu jerġa' jiġi jsir mill-ġdid, sakemm is-sistema tal-kejl tad-deflessjonijiet meħuda inkonsiderazzjoni għat-taħżiż tal-kurva tal-forza kontra d-deflessjoni ma tkunx imqabbda mat-trattur.

3.2.6.4 Tagħmir tat-tgħaffiġ

It-tagħmir kif muri fil-Figura 6.14 għandu jkun jista' jeżerċita forza 'l isfel fuq struttura ta' protezzjoni minn ġo travu riġidu wiesgħa bejn wieħed u ieħor 250 mm imqabbad mal-mekkaniżmu li japplika t-tagħbija permezz ta' ġogi universali. Għandhom ikunu pprovduti pjanċi xierqa tal-fus biex it-tajers tat-trattur ma jsofrux il-forza tat-tgħaffiġ.

3.2.6.5 Apparati oħra tal-kejl

L-apparati tal-kejl li ġejjin huma wkoll meħtieġa:

3.2.6.5.1 strument li jkejjel id-deflessjoni elastika (id-differenza bejn id-deflessjoni momentarja massima u d-deflessjoni permanenti, ara l-Figura 6.15).

3.2.6.5.2strument biex jiġi vverifikat li l-istruttura ta' protezzjoni ma tkunx daħlet fiż-żona ta' spazju vojt u li din tal-aħħar baqgħet taħt il-protezzjoni tal-istruttura matul it-test (ara l-punt 3.3.2.2.2).

3.3 **Proċeduri tal-ittestjar**

3.3.1 *Testijiet Dinamiċi*

3.3.1.1 Testijiet ta' impatt u tgħaffiġ

3.3.1.1.1Impatt fuq wara

3.3.1.1.1.1 It-trattur għandu jitqiegħed f'relazzjoni mal-blokka tal-pendlu b'tali mod li l-blokka tolqot l-istruttura ta' protezzjoni meta l-wiċċ tal-impatt tal-blokka u l-ktajjen jew il-ħbula tal-wajer tal-irfid ikunu f'angolu mal-wiċċ vertikali A ugwali għal M/100 b'20° massimu, sakemm, matul id-deflessjoni, l-istruttura ta' protezzjoni mal-punt ta' kuntatt ma tiffurmax angolu akbar mal-vertikal. F'dan il-każ, il-wiċċ tal-impatt tal-blokka għandu jiġi aġġustat permezz ta' rfid addizzjonali biex ikun parallel mal-istruttura ta' protezzjoni fil-punt tal-impatt fil-mument tad-deflessjoni massima, filwaqt li l-ktajjen jew il-ħbula tal-wajer tal-irfid jibqgħu fl-angolu definit hawn fuq.

L-għoli sospiż tal-blokka għandu jiġi aġġustat u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex il-blokka ma titħallhiex iddur madwar il-punt tal-impatt.

Il-punt tal-impatt huwa dik il-parti tal-istruttura ta' protezzjoni, normalment ix-xifer tan-naħa ta' fuq, li għandha t-tendenza li tolqot l-ewwel l-art f'aċċident ta' qlib lura. Il-pożizzjoni taċ-ċentru ta' gravità tal-blokka hija 1/6 tal-wisa' tal-parti ta' fuq tal-istruttura ta' protezzjoni 'l ġewwa minn wiċċ vertikali parallel mal-wiċċ medjan tat-trattur li jmiss l-estremità ta' barra tal-parti ta' fuq tal-istruttura ta' protezzjoni.

Jekk l-istruttura għandha liwja jew toħroġ 'il barra f'dan il-punt, għandhom jiġu miżjuda l-kunjardi li jippermettu li l-impatt jiġi applikat hemmhekk, mingħajr mal-istruttura tiġi msaħħa aktar.

3.3.1.1.1.2 It-trattur għandu jintrabat mal-art permezz ta' erba' ħbula tal-wajer, wieħed f'kull tarf taż-żewġ fusien, irranġati kif indikat fil-Figura 6.11. L-ispazju bejn il-punti tal-irbit ta' quddiem u ta' wara għandu jkun tali li l-ħbula tal-wajer jagħmlu angolu ta' inqas minn 30° mill-art. L-irbit ta' wara għandu jkun irranġat ukoll b'mod li l-punt ta' konverġenza taż-żewġ ħbula tal-wajer ikun jinsab fil-wiċċ vertikali li fih jitħarrek iċ-ċentru tal-gravità tal-blokka tal-pendlu.

Il-ħbula tal-wajer għandhom jiġu ssikkatti b'tali mod li t-tajers issirilhom id-deflessjoni mogħtija fil-punt 3.2.5.6.2. Bil-ħbula tal-wajer issikkati, it-travu li jservi ta' feles għandu jitpoġġa quddiem u għandu jitqiegħed issikkat mar-roti ta' wara u mbagħad jitwaħħal mal-art.

3.3.1.1.1.3 Jekk it-trattur huwa tat-tip artikulat, il-punt ta' artikulazzjoni għandu wkoll jiġi mirfud bi blokka tal-injam ta' mill-inqas 100 mm kwadru u marbuta sew mal-art.

3.3.1.1.1.4 Il-blokka tal-pendlu għandha tinġibed lura biex l-għoli taċ-ċentru tal-gravità tagħha 'l fuq minn dak fil-punt tal-impatt jingħata permezz ta' waħda miż-żewġ

formuli li ġejjin, liema formula għandha tintagħżel skont il-massa ta' referenza tal-muntaġġ suġġett għat-testijiet:

$$H = 25 + 0,07\ M$$

għal trattur b'massa ta' referenza ta' inqas minn 2 000 kg;

$$H = 125 + 0,02\ M$$

għal trattur b'massa ta' referenza ta' iktar minn 2 000 kg;

Il-blokka tal-pendlu għandha mbagħad tintreħa u tolqot l-istruttura ta' protezzjoni.

3.3.1.1.1.5 Għal tratturi b'pożizzjoni riversibbli tas-sewwieq (sedil u rota tal-istering riversibbli), għandhom jiġu applikati l-istess formuli.

3.3.1.1.2 Impatt fuq quddiem

3.3.1.1.2.1 It-trattur għandu jitqiegħed f'relazzjoni mal-blokka tal-pendlu b'tali mod li l-blokka tolqot l-istruttura ta' protezzjoni meta l-wiċċ tal-impatt tal-blokka u l-ktajjen jew il-ħbula tal-wajer tal-irfid ikunu f'angolu mal-wiċċ vertikali A ugwali għal M/100 b'20° massimu, sakemm, matul id-deflessjoni, l-istruttura ta' protezzjoni mal-punt ta' kuntatt ma tiffurmax angolu akbar mal-vertikal. F'dan il-każ, il-wiċċ ta' impatt tal-blokka għandu jiġi aġġustat permezz ta' rfid addizzjonali sabiex ikun parallel mal-istruttura ta' protezzjoni fil-punt tal-impatt fil-mument tad-deflessjoni massima, filwaqt li l-ktajjen jew il-ħbula tal-wajer tal-irfid jibqgħu fl-angolu definit hawn fuq.

L-għoli sospiż tal-blokka tal-pendlu għandu jiġi aġġustat u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex il-blokka ma titħallhiex iddur madwar il-punt tal-impatt.

Il-punt tal-impatt huwa dik il-parti tal-istruttura ta' protezzjoni, normalment ix-xifer tan-naħa ta' fuq, li għandha t-tendenza li tolqot l-ewwel l-art jekk it-trattur jinqaleb fuq ġenb meta jkun miexi 'l quddiem. Il-pożizzjoni taċ-ċentru tal-gravità tal-blokka hija 1/6 tal-wisa' tal-parti ta' fuq tal-istruttura ta' protezzjoni 'l ġewwa minn wiċċ vertikali parallel mal-pjan medjan tat-trattur li jmiss l-estremità ta' barra tal-parti ta' fuq tal-istruttura ta' protezzjoni.

Jekk l-istruttura għandha liwja jew toħroġ 'il barra f'dan il-punt, għandhom jiġu miżjuda l-kunjardi li jippermettu li l-impatt jiġi applikat hemmhekk, mingħajr mal-istruttura tiġi msaħħa aktar.

3.3.1.1.2.2 It-trattur għandu jintrabat mal-art permezz ta' erba' ħbula tal-wajer, wieħed f'kull tarf taż-żewġ fusien, imqiegħda kif indikat fil-Figura 6.12. L-ispazju bejn il-punti tal-irbit ta' quddiem u ta' wara għandu jkun tali li l-ħbula tal-wajer jagħmlu angolu ta' inqas minn 30° mill-art. L-irbit ta' wara għandu jkun irranġat ukoll b'mod li l-punt ta' konverġenza taż-żewġ ħbula tal-wajer ikun jinsab fil-wiċċ vertikali li fih jitħarrek iċ-ċentru tal-gravità tal-blokka tal-pendlu.

Il-ħbula tal-wajer għandhom jiġu ssikkatti b'tali mod li t-tajers issirilhom id-deflessjoni mogħtija fil-punt 3.2.5.6.2. Bil-ħbula tal-wajer issikkati, it-travu li jservi

ta' feles għandu jitpoġġa quddiem u għandu jitqiegħed issikkat mar-roti ta' wara u mbagħad jitwaħħal mal-art.

3.3.1.1.2.3 Jekk it-trattur huwa tat-tip artikulat, il-punt ta' artikulazzjoni għandu wkoll jiġi mirfud bi blokka tal-injam ta' mill-inqas 100 mm kwadru u marbuta sew mal-art.

3.3.1.1.2.4 Il-blokka tal-pendlu għandha tinġibed lura biex l-għoli taċ-ċentru tal-gravità tagħha 'l fuq minn dak fil-punt tal-impatt jingħata permezz ta' waħda miż-żewġ formuli li ġejjin, liema formula għandha tintagħżel skont il-massa ta' referenza tal-muntaġġ suġġett għat-testijiet:

$$H = 25 + 0,07\ M$$

għal trattur b'massa ta' referenza ta' inqas minn 2 000 kg.

$$H = 125 + 0,02\ M$$

għal trattur b'massa ta' referenza ta' iktar minn 2 000 kg.

Il-blokka tal-pendlu għandha mbagħad tintreħa u tolqot l-istruttura ta' protezzjoni.

3.3.1.1.2.5 Għat-tratturi b'pożizzjoni riversibbli tas-sewwieq (sedil riversibbli u rota tal-istering), l-għoli għandu jkun l-għola wieħed mill-formula applikata fuq u dik magħżula hawn taħt:

$$H = 2,165 \times 10^{-8}\ M \times L^2$$

jew

$$H = 5,73 \times 10^{-2} I$$

3.3.1.1.3Impatt mill-ġenb

3.3.1.1.3.1 It-trattur għandu jitpoġġa f'relazzjoni mal-blokka tal-pendlu b'tali mod li l-blokka tolqot l-istruttura ta' protezzjoni meta l-wiċċ tal-impatt tal-blokka u l-ktajjen jew il-ħbula tal-wajer tal-irfid ikunu vertikali sakemm, matul id-deflessjoni, l-istruttura ta' protezzjoni fil-punt ta' kuntatt ma tiffurmax angolu ta' inqas minn 20° mal-vertikal. F'dan il-każ, il-wiċċ tal-impatt tal-blokka għandu jiġi aġġustat permezz ta' rfid addizzjonali biex ikun parallel mal-istruttura ta' protezzjoni fil-punt tal-impatt fil-mument tad-deflessjoni massima, filwaqt li l-ktajjen jew il-ħbula tal-wajer tal-irfid jibqgħu vertikali waqt l-impatt.

L-għoli sospiż tal-blokka tal-pendlu għandu jiġi aġġustat u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex il-blokka ma titħalliex iddur madwar il-punt tal-impatt.

Il-punt tal-impatt għandu jkun dik il-parti tal-istruttura ta' protezzjoni li għandha t-tendenza li tolqot l-ewwel l-art f'aċċident ta' qlib fuq il-ġenb.

3.3.1.1.3.2 Ir-roti tat-trattur tan-naħa li tkun se tirċievi l-impatt għandhom jintrabtu mal-art permezz ta' ħbula tal-wajer li jgħaddu minn fuq it-trufijiet korrispondenti tal-fusien ta' quddiem u ta' wara. Il-ħbula tal-wajer għandhom jiġu ssikkati b'mod li jipproduċu l-valuri tad-deflessjoni tat-tajers mogħtija fil-punt 3.2.5.6.2.

Bil-ħbula tal-wajer issikkati, it-travu li jservi ta' feles għandu jitpoġġa mal-art, għandu jitqiegħed issikkat mar-roti tan-naħa ta' faċċata ta' dik li tkun se tirċievi l-impatt u mbagħad jitwaħħal mal-art. Jista' jkun meħtieġ li jintużaw żewġ travi jew kunjardi jekk il-ġnub ta' barra tat-tajers ta' quddiem u ta' wara ma jkunux fl-istess wiċċ vertikali. Ir-riffied mbagħad għandu jitpoġġa kif muri fil-Figura 6.13 kontra x-xifer tar-rota li l-aktar li tkun qed tirċievi tagħbija faċċata tal-punt tal-impatt, imbuttat b'mod sod kontra x-xifer u mbagħad imwaħħal mal-bażi tiegħu. It-tul tar-riffied għandu jkun tali li dan ikun f'angolu ta' 30 ± 3° mal-art meta jitqiegħed kontra x-xifer. B'żieda għal dan, fejn possibbli, il-ħxuna tiegħu għandu jkun bejn 20 u 25 darba inqas mit-tul tiegħu u bejn darbtejn jew tliet darbiet inqas mill-wisa' tiegħu. Fiż-żewġ trufijiet, ir-riffieda għandu jkollhom il-forma kif tidher fid-dettalji tal-Figura 6.13.

3.3.1.1.3.3 Jekk it-trattur huwa tat-tip artikulat, il-punt ta' artikulazzjoni jrid jiġi wkoll mirfud bi blokka tal-injam tal-anqas 100 mm kwadru u mirfud lateralment b'mekkaniżmu simili għar-riffied imbuttat kontra r-rota ta' wara kif jingħad fil-punt 3.3.1.1.3.2. Il-punt tal-artikulazzjoni għandu mbagħad jintrabat sew mal-art.

3.3.1.1.3.4 Il-blokka tal-pendlu għandha tinġibed lura biex l-għoli taċ-ċentru tal-gravità tagħha 'l fuq minn dak fil-punt tal-impatt jingħata permezz ta' waħda miż-żewġ formuli li ġejjin, liema formula għandha tintagħżel skont il-massa ta' referenza tal-muntaġġ suġġett għat-testijiet:

$$H = (25 + 0{,}20\ M)\ (B_6+B)\ /\ 2B$$

għal trattur b'massa ta' referenza ta' inqas minn 2 000 kg.

$$H = (125 + 0{,}15\ M)\ (B_6+B)\ /\ 2B$$

għal trattur b'massa ta' referenza ta' iktar minn 2 000 kg.

3.3.1.1.3.5 Għal tratturi riversibbli, l-għoli għandu jkun l-akbar mir-riżultati miksuba mill-formuli applikabbli fuq u hawn isfel:

$$H = 25 + 0{,}2\ M$$

għal trattur b'massa ta' referenza ta' inqas minn 2 000 kg.

$$H = 125 + 0{,}15\ M$$

għal trattur b'massa ta' referenza ta' iktar minn 2 000 kg.

Il-blokka tal-pendlu għandha mbagħad tintreħa u tolqot l-istruttura ta' protezzjoni.

3.3.1.1.4 Tgħaffiġ fuq wara

It-travu għandu jitqiegħed fuq il-membru(i) strutturali ta' wara li huwa l-aktar 'il fuq u r-riżultanti tal-forzi li jgħaffġu għandha tkun sitwata fil-wiċċ vertikali medjan tat-trattur. Għandha tiġi applikata forza $F_v$ meta :

$$F_v = 20\ M$$

Il-forza $F_v$ għandha tinżamm għal ħames sekondi wara l-waqfien ta' kwalunkwe moviment li jidher tal-istruttura ta' protezzjoni.

Fejn il-parti ta' wara tas-saqaf tal-istruttura ta' protezzjoni ma treġġix il-forza kollha li tgħaffeġ, il-forza għandha tiġi applikata sakemm is-saqaf jiġi defless biex jikkoinċidi mal-wiċċ li jgħaqqad il-parti ta' fuq tal-istruttura ta' protezzjoni ma' dik il-parti ta' wara tat-trattur li kapaċi treġġi l-massa tat-trattur meta jinqaleb.

Il-forza għandha mbagħad titneħħa, u t-travu tat-tgħaffiġ jiġi mqiegħed fuq dik il-parti tal-istruttura ta' protezzjoni li ssostni lit-trattur meta jinqaleb kompletamant. Il-forza tat-tgħaffiġ $F_v$ għandha mbagħad terġa' tiġi applikata.

3.3.1.1.5Tgħaffiġ fuq quddiem

It-travu għandu jitqiegħed tul il-membru(i) strutturali ta' quddiem li huwa l-aktar 'il fuq u r-riżultanti tal-forzi li jgħaffġu għandha tkun sitwata fil-wiċċ vertikali medjan tat-trattur. Għandha tiġi applikata forza $F_v$ meta :

$$F_v = 20\ M$$

Il-forza $F_v$ għandha tinżamm għal ħames sekondi wara l-waqfien ta' kwalunkwe moviment li jidher tal-istruttura ta' protezzjoni.

Fejn il-parti ta' quddiem tas-saqaf tal-istruttura ta' protezzjoni ma treġġix il-forza kollha li tgħaffeġ, il-forza għandha tiġi applikata sakemm is-saqaf jiġi defless biex jikkoinċidi mal-wiċċ li jgħaqqad il-parti ta' fuq tal-istruttura ta' protezzjoni ma' dik il-parti ta' quddiem tat-trattur li kapaċi treġġi l-massa tat-trattur meta jinqaleb.

Il-forza għandha mbagħad titneħħa, u t-travu tat-tgħaffiġ jiġi mqiegħed fuq dik il-parti tal-istruttura ta' protezzjoni li ssostni lit-trattur meta jinqaleb kompletamant. Il-forza tat-tgħaffiġ $F_v$ għandha mbagħad terġa' tiġi applikata.

3.3.1.1.6Testijiet ta' impatt addizzjonali

Jekk jidhru waqt it-test ta' impatt xquq jew tiċrit li ma jistgħux jitqiesu negliġibbli, għandu jsir it-tieni test simili, iżda b'għoli ta' waqgħa ta':

$$H' = (H \times 10^{-1})\ (12 + 4a)\ (1 + 2a)^{-1}$$

immedjatament wara t-testijiet tal-impatt li wasslu biex jidhru dawn ix-xquq jew tiċrit, "a" tkun il-proporzjon tad-deformazzjoni permanenti ($D_p$) mad-deformazzjoni elastika ($D_e$):

$$a = D_p / D_e$$

kif imkejjel fil-punt tal-impatt. Id-deformazzjoni permanenti addizzjonali dovuta għat-tieni impatt ma għandhiex taqbeż it-30 % tad-deformazzjoni permanenti dovuta għall-ewwel impatt.

Sabiex ikun jista' jsir it-test addizzjonali, jeħtieġ li titkejjel id-deformazzjoni elastika waqt it-testijiet kollha tal-impatt.

3.3.1.1.7 Testijiet ta' tgħaffiġ addizzjonali

Jekk, matul it-test ta' tgħaffiġ, jidhru xquq jew tiċrit sinifikanti, għandu jsir it-tieni test ta' tgħaffiġ simili, iżda b'qawwa ekwivalenti għal 1.2 $F_v$, immedjatament wara t-testijiet ta' tgħaffiġ li wasslu biex jidhru dawn ix-xquq jew tiċrit.

3.3.1.2 Il-kejl li għandu jittieħed

3.3.1.2.1 Fratturi u xquq

Wara kull test il-membri strutturali, il-ġogi u s-sistemi tal-irbit kollha għandhom ikunu eżaminati b'mod viżiv għal fratturi u xquq, waqt li kwalunkwe xquq żgħar f'partijiet mhux importanti għandhom jiġu injorati.

Kwalunkwe tiċrit ikkawżat mit-truf tal-piż tal-pendlu għandu jiġi injorat.

3.3.1.2.2 Żona ta' spazju vojt

3.3.1.2.2.1 Dħul fiż-żona ta' spazju vojt

Waqt kull test l-istruttura ta' protezzjoni għandha tiġi eżaminata biex jiġi vverifikat jekk daħlitx kwalunkwe parti fiż-żona ta' spazju vojt madwar is-sedil tas-sewwieq kif definit fil-punt 1.6.

Barra minn hekk, iż-żona ta' spazju vojt ma għandhiex tkun barra mill-protezzjoni tal-istruttura ta' protezzjoni. Għal dan il-għan, għandha tiġi kkunsidrata li tkun barra mill-protezzjoni tal-istruttura jekk kwalunkwe parti minnha tkun għamlet kuntatt ma' art ċatta jekk it-trattur jinqaleb lejn id-direzzjoni minn fejn tkun ġiet applikata t-tagħbija tat-test. Biex dan jiġi stmat, it-tajers ta' quddiem u ta' wara u d-distanza tal-wisa' bejn ir-roti għandhom ikunu l-iżgħar fittjatura standard speċifikata mill-manifattur.

3.3.1.2.2.2 Testijiet għat-tagħmir iebes ta' wara

Jekk it-trattur ikun mgħammar b'sezzjoni riġida, b'kisi jew b'tagħmir iebes ieħor imqiegħed fuq wara tas-sedil tas-sewwieq, dan it-tagħmir għandu jitqies bħala punt ta' protezzjoni, fil-każ ta' qlib fuq ġenb jew qlib lura. Dan it-tagħmir iebes imqiegħed fuq wara tas-sedil tas-sewwieq għandu jkollu l-kapaċità li jiflaħ, mingħajr ma jinkiser jew jidħol fiż-żona ta' spazju vojt, forza 'l isfel $F_i$ fejn:

$$F_i = 15\ M$$

applikata perpendikularment mal-wiċċ tal-qafas fil-pjan ċentrali tat-trattur. L-angolu inizjali tal-applikazzjoni ta' forza għandu jkun ta' 40° ikkalkulat b'mod parallel għall-art kif muri fil-Figura 6.16. Il-wisa' minima ta' din is-sezzjoni riġida għandha tkun ta' 500 mm (ara l-Figura 6.17).

B'żieda għal dan, din għandha tkun riġida biżżejjed u mwaħħla b'mod sod man-naħa ta' wara tat-trattur.

3.3.1.2.3 Deflessjoni elastika (taħt impatt mill-ġenb)

Id-deflessjoni elastika hija mkejla (810 + av) mm 'l fuq mill-punt tal-indiċi, fil-pjan vertikali li jgħaddi minn ġol-punt tal-impatt. Għal dan il-kejl, jista' jintuża apparat simili għal dak muri fil-Figura 6.15.

3.3.1.2.4 Deflessjoni permanenti

Wara t-test ta’ tgħaffiġ finali, id-deflessjoni permanenti tal-istruttura ta’ protezzjoni għandha tiġi rreġistrata. Għal dan il-għan, qabel ma jibda t-test, għandha tintuża l-pożizzjoni tal-membri prinċipali tal-istruttura ta’ protezzjoni fil-każ ta’ qlib f’relazzjoni mal-punt tal-indiċi tas-sedil.

3.3.2 *Testijiet Statiċi*

3.3.2.1 Testijiet ta' tagħbija u tgħaffiġ

3.3.2.1.1 Tagħbija fuq wara

3.3.2.1.1.1 It-tagħbija għandha tiġi applikata b'mod orizzontali fi pjan vertikali parallel mal-pjan medjan tat-trattur.

Il-punt tal-applikazzjoni tat-tagħbija għandu jkun dik il-parti tal-istruttura ta’ protezzjoni fil-każ ta’ qlib li x'aktarx li tolqot l-art l-ewwel f'inċident ta' qlib b'lura, normalment ix-xifer ta' fuq. Il-pjan vertikali li t-tagħbija tiġi applikata fuqu għandu jkun f'distanza ta' 1/3 tal-wisa' estern tal-parti ta' fuq tal-istruttura mill-pjan medjan.

Jekk l-istruttura tkun għat-tond jew toħroġ 'il barra f'dan il-punt, għandhom jiżdiedu l-kunjardi li jippermettu li t-tagħbija tiġi applikata hemmhekk, mingħajr ma l-istruttura tissaħħaħ aktar.

3.3.2.1.1.2 Il-muntaġġ għandu jintrabat mal-art kif deskritt fil-punt 3.2.6.3.

3.3.2.1.1.3 L-enerġija assorbita mill-istruttura ta’ protezzjoni matul it-test għandha tkun tal-anqas:

$$E_{il} = 500 + 0{,}5\ M$$

3.3.2.1.1.4 Għal tratturi b'pożizzjoni tas-sewwieq riversibbli (sedil u rota tal-istering riversibbli), għandha tiġi applikata l-istess formula.

3.3.2.1.2 Tagħbija fuq quddiem

3.3.2.1.2.1 It-tagħbija għandha tiġi applikata b'mod orizzontali, fi pjan vertikali parallel mal-pjan medjan tat-trattur u mqiegħda f'distanza ta' 1/3 tal-wisa' estern tal-parti ta' fuq tal-istruttura.

Il-punt tal-applikazzjoni tat-tagħbija għandu jkun dik il-parti tal-istruttura ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib li għandha t-tendenza li tolqot l-ewwel l-art jekk it-trattur jinqaleb fuq ġenb meta jkun miexi 'l quddiem, normalment ix-xifer tan-naħa ta' fuq.

Jekk l-istruttura tkun għat-tond jew toħroġ 'il barra f'dan il-punt, għandhom jiżdiedu l-kunjardi li jippermettu li t-tagħbija tiġi applikata hemmhekk, mingħajr ma l-istruttura tissaħħaħ aktar.

3.3.2.1.2.2 Il-muntaġġ għandu jintrabat mal-art kif deskritt fil-punt 3.2.6.3.

3.3.2.1.2.3 L-enerġija assorbita mill-istruttura ta' protezzjoni matul it-test għandha tkun tal-anqas:

$$E_{il} = 500 + 0,5\ M$$

3.3.2.1.2.4 Għal tratturi b'pożizzjoni tas-sewwieq riversibbli (sedil u rota tal-istering riversibbli), l-enerġija għandha tkun dik li tkun l-aktar waħda għolja minn dawk ta' fuq jew waħda minn dawn li ġejjin kif magħżula:

$$E_{il} = 2,165 \times 10^{-7} M \times L^2$$

jew

$$E_{il} = 0,574\ I$$

3.3.2.1.3Tagħbija mill-ġenb

3.3.2.1.3.1 It-tagħbija mill-ġenb għandha tiġi applikata b'mod orizzontali, fi pjan vertikali b'mod perpendikulari mal-pjan medjan tat-trattur. Il-punt tal-applikazzjoni tat-tagħbija huwa dik il-parti tal-istruttura ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib li x'aktarx li tolqot l-art l-ewwel f'inċident ta' qlib fuq genb, normalment ix-xifer ta' fuq.

3.3.2.1.3.2 Il-muntaġġ għandu jintrabat mal-art kif deskritt fil-punt 3.2.6.3.

3.3.2.1.3.3 L-enerġija assorbita mill-istruttura ta' protezzjoni matul it-test għandha tkun tal-anqas:

$$E_{is} = 1,75\ M(B_6+B) / 2B$$

3.3.2.1.3.4 Għal tratturi b'pożizzjoni tas-sewwieq riversibbli (sedil u rota tal-istering riversibbli), l-enerġija għandha tkun dik li tkun l-ogħla minn dawk ta' fuq jew minn dik li ġejja:

$$E_{is} = 1,75\ M$$

3.3.2.1.4Tgħaffiġ fuq wara

Id-dispożizzjonijiet kollha huma identiċi għal dawk fil-punt 3.3.1.1.4.

3.3.2.1.5Tgħaffiġ fuq quddiem

Id-dispożizzjonijiet kollha huma identiċi għal dawk fil-punt 3.3.1.1.5.

3.3.2.1.6Test addizzjonali ta’ tagħbija eċċessiva (il-Figuri minn 6.18 sa 6.20)

Għandu jsir test ta' tagħbija eċċessiva fil-każijiet kollha fejn il-forza tonqos b'aktar minn 3 % matul l-aħħar 5 % tad-deflessjoni milħuqa meta l-enerġija meħtieġa tkun assorbita mill-istruttura (ara l-Figura 6.19).

It-test ta' tagħbija eċċessiva jinvolvi ż-żieda gradwali tat-tagħbija orizzontali b'żidiet ta' 5 % tar-rekwiżit ta' enerġija inizjali sa massimu ta' 20 % ta' enerġija miżjuda (ara l-Figura 6.20).

It-test ta' tagħbija eċċessiva jkun sodisfaċenti jekk, wara kull żieda b'5, 10 jew 15 % f'enerġija meħtieġa, il-forza tonqos b'anqas minn 3 % għal żieda ta' 5 % u tibqa' akbar minn 0,8 $F_{max}$.

It-test ta' tagħbija eċċessiva jkun sodisfaċenti jekk, wara li l-istruttura tkun assorbiet 20 % tal-enerġija miżjuda, il-forza taqbeż iż-0,8 $F_{max}$.

Xquq jew tiċrit addizzjonali u/jew dħul fiż-żona ta' spazju vojt jew nuqqas ta' protezzjoni tagħha minħabba deflessjoni elastika huma permessi waqt it-test ta' tagħbija eċċessiva. Madankollu, wara t-tneħħija tat-tagħbija, l-istruttura ma għandhiex tidħol fiż-żona ta' spazju vojt, li għandha tkun protetta kompletament.

3.3.2.1.7Testijiet ta' tgħaffiġ addizzjonali

Jekk matul it-test tat-tgħaffiġ jidhru xquq jew tiċrit li ma jkunux jistgħu jitqiesu bħala negliġibbli, għandu jsir it-tieni test simili, imma b'forza ta' 1,2 $F_v$, immedjatament wara t-test tat-tgħaffiġ li wassal biex jidhru x-xquq jew it-tiċrit.

3.3.2.2 Il-kejl li għandu jittieħed

3.3.2.2.1Fratturi u xquq

Wara kull test il-membri strutturali kollha, il-ġogi u s-sistemi tat-twaħħil għandhom ikunu eżaminati b’mod viżiv għal fratturi u xquq, bi kwalunkwe xquq żgħar f’partijiet mhux importanti jiġu injorati.

3.3.2.2.2Żona ta' spazju vojt

3.3.2.2.2.1 Dħul fiż-żona ta' spazju vojt

Waqt kull test l-istruttura ta’ protezzjoni għandha tiġi eżaminata biex jiġi vverifikat jekk daħlitx kwalunkwe parti minnha fiż-żona ta' spazju vojt kif definit fil-punt 1.6 fl-Anness I.

Barra minn hekk, iż-żona ta' spazju vojt ma għandhiex tkun barra l-protezzjoni tal-istruttura ta’ protezzjoni. Għal dan il-għan, għandha tiġi kkunsidrata li tkun barra mill-protezzjoni tal-istruttura jekk kwalunkwe parti minnha tagħmel kuntatt ma’ art ċatta jekk it-trattur jinqaleb lejn id-direzzjoni minn fejn tkun ġiet applikata t-tagħbija tat-test. Biex dan jiġi stmat, it-tajers ta' quddiem u ta' wara u d-distanza tal-wisa' bejn ir-roti għandhom ikunu l-iżgħar fittjatura standard speċifikata mill-manifattur.

3.3.2.2.2.2 Testijiet għat-tagħmir iebes ta' wara

Jekk it-trattur ikun mgħammar b'sezzjoni riġida, b'kisi jew b'tagħmir iebes ieħor imqiegħed fuq wara tas-sedil tas-sewwieq, dan it-tagħmir għandu jitqies bħala punt ta' protezzjoni, fil-każ ta' qlib fuq ġenb jew qlib lura. Dan it-tagħmir iebes imqiegħed fuq wara tas-sedil tas-sewwieq għandu jkollu l-kapaċità li jiflaħ, mingħajr ma jinkiser jew jidħol fiż-żona ta' spazju vojt, forza 'l isfel $F_i$ fejn:

$$F_i = 15 M$$

applikata perpendikularment mal-wiċċ tal-qafas fil-pjan ċentrali tat-trattur. L-angolu inizjali tal-applikazzjoni ta' forza għandu jkun ta' 40° ikkalkolat b'mod parallel għall-art kif muri fil-Figura 6.16. Il-wisa' minima ta' din sezzjoni riġida għandu jkun ta' 500 mm (ara l-Figura 6.17).

B'żieda għal dan, din għandha tkun riġida biżżejjed u mwaħħla b'mod sod man-naħa ta' wara tat-trattur.

3.3.2.2.3 Deflessjoni elastika taħt tagħbija mill-ġenb

Id-deflessjoni elastika għandha titkejjel $(810+a_v)$ mm 'il fuq mill-punt tal-indiċi tas-sedil, fil-pjan vertikali li fih tiġi applikata t-tagħbija. Għal dan il-kejl, għandu jintuża kull apparat simili għal dak muri fil-Figura 6.15.

3.3.2.2.4 Deflessjoni permanenti

Wara t-test tat-tgħaffiġ finali d-deflessjoni permanenti tal-istruttura ta' protezzjoni għandha tiġi rreġistrata. Għal dan il-għan, qabel ma jibda t-test, għandha tiġi reġistrata l-pożizzjoni tal-membri prinċipali tal-istruttura ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib f'relazzjoni mal-punt tal-indiċi tas-sedil.

## 3.4 Estensjoni għal mudelli oħra ta' tratturi

3.4.1 [mhux applikabbli]

3.4.2 *Estensjoni teknika*

Meta jseħħu modifiki tekniċi fuq it-trattur, l-istruttura ta' protezzjoni jew il-metodu tat-twaħħil tal-istruttura ta' protezzjoni mat-trattur, l-istazzjon tal-ittestjar li jkun wettaq it-test oriġinali tista' toħroġ "rapport ta' estensjoni teknika" jekk it-trattur u l-istruttura ta' protezzjoni jkunu ssodisfaw it-testijiet preliminari ta' stabbiltà laterali u ta' qlib mhux kontinwu kif definit fil-punti 3.1.3 u 3.1.4 u jekk it-tagħmir riġidu ta' wara kif deskritt fil-punt 3.3.1.2.2.2, meta mwaħħal, ikun ġie ittestjat skont il-proċedura deskritta f'dan il-punt (ħlief il-punt 3.4.2.2.4) fil-każijiet li ġejjin:

3.4.2.1 Estensjoni tar-riżultati tat-test strutturali għal mudelli oħra ta' tratturi

It-testijiet tal-impatt jew tat-tagħbija u dawk tat-tgħaffiġ ma hemmx għalfejn isiru fuq kull mudell ta' trattur, sakemm l-istruttura ta' protezzjoni u t-trattur ikunu konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija ⌦ fil-punti- ⌫ 3.4.2.1.1 sa 3.4.2.1.5.

3.4.2.1.1 L-istruttura (inkluż it-tagħmir riġidu ta' wara) għandha tkun identika għal dik ittestjata;

3.4.2.1.2 L-enerġija meħtieġa ma għandhiex taqbeż l-enerġija kkalkulata għat-test oriġinali b'iktar minn 5 %;

3.4.2.1.3 Il-metodu ta' twaħħil u l-komponenti tat-trattur li magħhom isir it-twaħħil għandhom ikunu identiċi;

3.4.2.1.4 Kwalunkwe komponenti bħall-madgards u l-bonit li jistgħu jservu ta' sostenn għall-istruttura ta' protezzjoni għandhom ikunu identiċi;

3.4.2.1.5 Il-pożizzjoni u d-dimensjonijiet kritiċi tas-sedil fl-istruttura ta' protezzjoni u l-pożizzjoni relattiva tal-istruttura ta' protezzjoni fuq it-trattur għandhom ikunu tali li ż-żona ta' spazju vojt tibqa' fil-protezzjoni tal-istruttura deflessa matul it-testijiet kollha (dan għandu jkun ivverifikat billi tintuża l-istess referenza ta' żona ta' spazju vojt bħal fir-rapport tat-test oriġinali, jiġifieri l-Punt ta' Referenza tas-Sedil [SRP] jew il-Punt tal-Indiċi tas-Sedil [SIP] rispettivament).

3.4.2.2 Estensjoni tar-riżultati tat-test strutturali għal mudelli modifikati tal-istruttura ta' protezzjoni

Din il-proċedura għandha tiġi segwita meta d-dispożizzjonijiet tal-punt 3.4.2.1 ma jkunux sodisfatti u ma tistax tintuża meta l-metodu ta' twaħħil tal-istruttura ta' protezzjoni mat-trattur ma jibqax tal-istess prinċipju (eż. sostenituri tal-gomma jinbidlu b'tagħmir ta' sospensjoni):

3.4.2.2.1 Modifiki li ma jħallu l-ebda impatt fuq ir-riżultati tat-test inizjali (eż. twaħħil bis-saldatura tal-pjanċa tal-immuntar ta' aċċessorju f'post mhux kritiku tal-istruttura), żieda ta' sedili b'post tal-SIP differenti fl-istruttura ta' protezzjoni (bil-kundizzjoni li jiġi vverifikat li ż-żona/i ta' spazju vojt il-ġdida/ġodda tibqa'/jibqgħu fil-protezzjoni tal-istruttura deflessa matul it-testijiet kollha).

3.4.2.2.2 Modifiki li jistgħu jħallu impatt fuq ir-riżultati tat-test oriġinali mingħajr ma jintefa' dubju fuq l-aċċettabbiltà tal-istruttura ta' protezzjoni (eż. modifika tal-komponent strutturali, modifika tal-metodu ta' twaħħil tal-istruttura ta' protezzjoni mat-trattur). Jista' jsir test ta' validazzjoni u r-riżultati tat-test ikunu abbozzati fir-rapport ta' estensjoni.

Il-limiti li ġejjin għal din l-estensjoni tat-tip huma ffissati:

3.4.2.2.2.1 ma jistgħux jiġu aċċettati iktar minn ħames estensjonijiet mingħajr test ta' validazzjoni;

3.4.2.2.2.2 ir-riżultati tat-test ta' validazzjoni jkunu aċċettati għall-estensjoni jekk il-kundizzjonijiet kollha ta' aċċettazzjoni tal-Kodiċi jkunu sodisfatti u:

– jekk id-deflessjoni li titkejjel wara kull test tal-impatt ma tvarjax mid-deflessjoni mkejla wara kull test tal-impatt fir-rapport tat-test oriġinali b'iktar minn ± 7 % (f'każ ta' testijiet dinamiċi);

– jekk il-forza mkejla meta l-livell ta’ enerġija meħtieġ ikun intlaħaq fid-diversi testijiet ta' tagħbija orizzontali ma tvarjax mill-forza mkejla meta l-enerġija meħtieġa tkun intlaħqet fit-test oriġinali b'iktar minn ± 7 % u d-deflessjoni mkejla[16] meta l-livell ta' enerġija meħtieġ ikun intlaħaq fit-testijiet ta' tagħbija orizzontali ma tvarjax mid-deflessjoni mkejla meta l-enerġija meħtieġa tkun intlaħqet fit-test oriġinali b'iktar minn ± 7 % (f'każ ta' testijiet statiċi).

3.4.2.2.2.3 iktar minn modifika waħda għall-istruttura ta’ protezzjoni jistgħu jkunu inklużi f'rapport ta' estensjoni uniku jekk dawn jirrappreżentaw possibilitajiet differenti tal-istruttura ta’ protezzjoni, imma jista' jkun aċċettat test ta' validazzjoni wieħed biss f'rapport wieħed ta' estensjoni. L-għażliet li ma ġewx ittestjati għandhom ikunu deskritti f'taqsima speċifika tar-rapport ta' estensjoni.

3.4.2.2.3Żieda fil-massa ta' referenza ddikjarata mill-manifattur għal struttura ta’ protezzjoni diġà ttestjata. Jekk il-manifattur irid iżomm l-istess numru ta' approvazzjoni huwa possibbli li joħroġ rapport ta' estensjoni wara li jwettaq test ta' validazzjoni (il-limiti ta' ± 7 % speċifikati fil-punt 3.4.2.2.2.2 mhumiex applikabbli f'każ bħal dan).

3.4.2.2.4Modifika tat-tagħmir riġidu fuq wara jew żieda ta' tagħmir riġidu fuq wara ġdid. Għandu jkun ivverifikat li ż-żona ta' spazju vojt tibqa' fi ħdan il-protezzjoni tal-istruttura deflessa matul it-test kollu filwaqt li jittieħed inkonsiderazzjoni t-tagħmir riġidu fuq wara ġdid jew immodifikat. Għandha ssir validazzjoni tat-tagħmir riġidu fuq wara li tikkonsisti fit-test deskritt fil-punti 3.3.1.2.2.2 jew 3.3.2.2.2.2 u r-riżultati tat-testijiet jiġu abbozzati fir-rapport ta’ estensjoni.

3.5 [mhux applikabbli]

3.6 **Rendiment ta' strutturi ta’ protezzjoni f'temp kiesaħ**

3.6.1 Jekk ikun allegat li l-istruttura ta’ protezzjoni għandha proprjetajiet reżistenti għall-ksur mill-effetti tat-temp kiesaħ, il-manifattur għandu jagħti dettalji li jistgħu jkunu inklużi fir-rapport.

3.6.2 Ir-rekwiżiti u l-proċeduri li ġejjin huma maħsuba biex jipprovdu qawwa u reżistenza għall-ksur mill-effetti tal-kesħa f'temperaturi baxxi. Huwa ssuġġerit li għandhom ikunu sodisfatti r-rekwiżiti materjali minimi li ġejjin biex tiġi determinata l-adattabbiltà tal-istruttura ta’ protezzjoni f'temperaturi operattivi mnaqqsa f'dawk il-pajjiżi li jeħtieġu din il-protezzjoni operattiva addizzjonali.

3.6.2.1 Boltijiet u skorfini użati biex titwaħħal l-istruttura ta’ protezzjoni mat-trattur u użati biex partijiet strutturali jingħaqdu mal-istruttura ta’ protezzjoni għandhom juru li għandhom proprjetajiet adegwati ta’ reżistenza għal temperaturi baxxi, li jiġu vverifikati.

3.6.2.2 L-elettrodi kollha tal-issaldjar użati fil-fabbrikazzjoni tal-membri strutturali u l-montaturi għandhom ikunu kompatibbli mal-materjal tal-istruttura ta’ protezzjoni kif indikat fil-punt3.6.2.3.

[16] Deflessjoni permanenti + elastika fil-punt meta jinkiseb il-livell ta' enerġija meħtieġ.

3.6.2.3 Materjali tal-azzar għall-membri strutturali tal-istruttura ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' materjal ta' reżistenza kkontrollata li juri li għandu r-rekwiżiti minimi tal-enerġija tal-impatt Charpy V-Notch kif muri fit-Tabella 6.1. Il-grad u l-kwalità tal-azzar għandhom ikunu speċifikati skont l-ISO 630:1995.

Azzar bi ħxuna rrumblata ta' inqas minn 2,5 mm u bil-kontenut ta' karbonju inqas minn 0,2 % hu meqjus li jissodisfa din il-ħtieġa.

Membri strutturali tal-istruttura ta' protezzjoni magħmula minn materjali apparti mill-azzar għandu jkollhom reżistenza għall-impatt ekwivalenti f'temperatura baxxa.

3.6.2.4 Meta jiġu ttestjati r-rekwiżiti tal-enerġija tal-impatt Charpy V-Notch, id-daqs tal-kampjun għandu jkun mhux inqas mill-ikbar tad-daqsijiet iddikjarati fit-Tabella 6.1 li jippermetti l-materjal.

3.6.2.5 It-testijiet Charpy V-Notch għandhom isiru skont il-proċedura ASTM 370-1979 A, ħlief għal daqsijiet tal-kampjuni li għandhom ikunu skont il-qisien mogħtija fit-Tabella 6.1.

3.6.2.6 Alternattivi għal din il-proċedura huma l-użu ta' azzar newtralizzat jew semi-newtralizzat li għalih għandha tiġi pprovduta speċifikazzjoni adegwata. Il-grad u l-kwalità tal-azzar għandhom ikunu speċifikati skont ISO 630:1995, Amd 1:2003.

3.6.2.7 Il-kampjuni għandhom ikunu lonġitudinali u meħuda minn ħażna ċatta, sezzjonijiet tubulari jew strutturali qabel l-iffurmar jew il-welding għal użu fl-istruttura ta' protezzjoni. Kampjuni mis-sezzjonijiet tubulari jew strutturali għandhom jittieħdu min-nofs tal-ġenb tad-dimensjoni l-iktar kbira u ma għandhomx jinkludu weldjaturi.

*Tabella 6.1*

**Enerġiji tal-impatt minimi Charpy V-notch**

| Daqs tal-Kampjun | Enerġija fi | Enerġija fi |
|---|---|---|
| | -30 °C | -20 °C |
| mm | J | J[b)] |
| 10 x 10[a)] | 11 | 27,5 |
| 10 x 9 | 10 | 25 |
| 10 x 8 | 9,5 | 24 |
| 10 x 7,5[a)] | 9,5 | 24 |
| 10 x 7 | 9 | 22,5 |
| 10 x 6,7 | 8,5 | 21 |

| | | |
|---|---|---|
| 10 x 6 | 8 | 20 |
| 10 x 5[a)] | 7,5 | 19 |
| 10 x 4 | 7 | 17,5 |
| 10 x 3,5 | 6 | 15 |
| 10 x 3 | 6 | 15 |
| 10 x 2,5[a)] | 5,5 | 14 |

(a) Jindika daqs preferit. Id-daqs tal-kampjun għandu jkun mhux inqas mill-ikbar daqs preferit li l-materjal jippermetti.

(b) Ir-rekwiżit tal-enerġija f'–20 °C huwa 2,5 darbiet il-valur speċifikat għal –30 °C. Fatturi oħra jaffettwaw l-impatt tas-saħħa tal-enerġija, jiġifieri d-direzzjoni tat-tgerbib, is-saħħa tar-rendiment, l-orjentament tal-qamħ u l-iwweldjar. Dawn il-fatturi għandhom jitqiesu meta jintagħżel jew jintuża l-azzar.

3.7 [mhux applikabbli]

*Il-Figura 6.1*

**Żona ta' spazju vojt**

*Il-Figura 6.1.a*

**Viżjoni mill-ġenb**

**Sezzjoni trażversali mill-wiċċ ta' referenza**




Qisien f'mm

*Il-Figura 6.1.b*

**Viżjoni minn wara**




*Il-Figura 6.1.c*

**Viżjoni minn fuq**




1 - Linja ta' referenza

2 - Punt ta' indiċi tas-sedil

3 - Wiċċ ta' referenza

*Il-Figura 6.2*

**Żona ta' spazju vojt għal tratturi b'sedil u stering riversibbli**



*Il-Figura 6.3*

**Dijagramma li tispjega l-proċess kontinwu għad-determinazzjoni ta' x'jiġri meta trattur jinqaleb fuq ġenbu bi struttura ta' protezzjoni mmuntata fuq quddiem (ROPS)**




Verżjoni B1:Punt ta' impatt tal-ROPS wara l-punt ta' ekwilibrju lonġitudinali mhux stabbli

Verżjoni B2:Punt ta' impatt tal-ROPS ħdejn il-punt ta' ekwilibriju lonġitudinali mhux stabbli

Verżjoni B3:Punt ta' impatt tal-ROPS quddiem il-punt ta' ekwilibriju lonġitudinali mhux stabbli

*Il-Figura 6.4*

**Rigg għall-ittestjar ta' karatteristiċi kontra l-qlib fuq pendil ta' 1/1.5**



*Il-Figura 6.5*

**Dejta meħtieġa għall-kalkolu ta' x'jiġri meta trattur**

**bi tliet fusien jinqaleb**




*Nota:* $D_2$ u $D_3$ għandhom jiġu mkejla meta l-fus ikun mgħobbi kompletament

*Il-Figuri 6.6.a, 6.6.b, 6.6.c*

**Distanza orizzontali bejn iċ-ċentru tal-gravità**

**u l-punt ewlieni ta' intersezzjoni tal-istruttura ta' protezzjoni (L6)**



*Il-Figura 6.7*

**Determinazzjoni tal-punti ta' impatt**

**għall-kejl tal-wisa' tal-istruttura ta' protezzjoni ($B_6$)**

**u l-għoli tal-bonit tal-magna ($H_7$)**



*Il-Figura 6.8*

**Għoli tal-punt tal-pern tal-fus ta' quddiem ($H_0$)**




*Il-Figura 6.9*

**Wisa' tat-trekk ta' wara (S) u wisa' tat-tajer ta' wara ($B_0$)**



*Il-Figura 6.10*

**Blokka tal-pendlu u l-ktajjen jew il-ħbula tal-wajer ta' sospensjoni tagħha**



*Il-Figura 6.11*

**Eżempju ta' rbit tat-trattur (impatt minn wara)**




*Il-Figura 6.12*

**Eżempju ta' rbit tat-trattur (impatt minn quddiem)**



*Il-Figura 6.13*

**Eżempju ta' rbit ta' trattur (impatt mill-ġenb)**




Travu marbut mal-ġnub tar-roti ta' quddiem u ta' wara u riffieda mdaħħla mar-rimm tar-rota wara l-ankrar

*Il-Figura 6.14*

**Eżempju ta' tagħmir ta' tgħaffiġ tat-trattur**



*Il-Figura 6.15*

**Eżempju ta' apparat għall-kejl tad-deflessjoni elastika**




1 - Deflessjoni permanenti

2 - Deflessjoni elastika

3 - Deflessjoni totali (permanenti u elastika)

*Il-Figura 6.16*

**Linja fl-art simulata**




*Il-Figura 6.17*

**Wisa' minima tat-tagħmir sod ta' wara**



*Il-Figura 6.18*

**Kurva Forza / Deflessjoni**

**Ma hemmx bżonn ta’ test ta' tagħbija eċċessiva**




*Noti:*

1. Sib $F_a$ b’relazzjoni ma' 0,95D'

2. Ma hemmx bżonn ta’ test ta' tagħbija eċċessiva billi $F_a \leq 1{,}03F'$

MT  MT

*Il-Figura 6.19*

**Kurva Forza / deflessjoni**

**Hemm bżonn ta' test ta' tagħbija eċċessiva**




*Noti:*

1. Sib $F_a$ b'relazzjoni ma' 0,95 D'
2. Hemm bżonn ta' test ta' tagħbija eċċessiva billi $F_a > 1,03F'$
3. Rendiment tat-test ta' tagħbija eċċessiva sodisfaċenti billi $F_b > 0,97F'$ u $F_b > 0,8F_{max}$.

*Il-Figura 6.20*

**Kurva forza / deflessjoni**

**Test ta' tagħbija eċċessiva jrid jitkompla**




*Noti:*

1. Sib $F_a$ b'relazzjoni ma' 0,95 D'
2. Hemm bżonn ta' test ta' tagħbija eċċessiva billi $F_a$>1,03F'
3. $F_b$<0,97 F' għalhekk hemm bżonn ta' iktar tagħbija eċċessiva
4. $F_c$<0,97 $F_b$ għalhekk hemm bżonn ta' iktar tagħbija eċċessiva
5. $F_d$<0,97 $F_c$ għalhekk hemm bżonn ta' iktar tagħbija eċċessiva
6. Rendiment tat-test ta' tagħbija eċċessiva sodisfaċenti, jekk $F_e$>0,8$F_{max}$
7. Falliment fi kwalunkwe stadju meta t-tagħbija taqa' taħt iż-0,8 $F_{max.}$"

| |
|---|
| ▼ 87/402/KEE |
| ➔1 89/681/KEE Art. 1 pt. 2 |

# ANNESS III

## MUDELL

## RAPPORT LI JIRRIGWARDA T-TEST TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TA' KOMPONENT KE TA' STRUTTURA TA' PROTEZZJONI (ŻBARRA MMUNTATA FUQ QUDDIEM) FIR-RIGWARD TAS-SAĦĦA TAGĦHA KIF UKOLL IS-SAĦĦA TAT-TWAĦĦIL TAGĦHA MAT-TRATTUR

| | |
|---|---|
| Struttura ta' protezzjoni | |
| Mudell | |
| Tip | |
| Mudell tat-trattur | |
| Tip tat-trattur | |
| Metodu TAT-TEST | I/II (1) |

Identifikazzjoni tal-istazzjon tat-test

Nru tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE: ..........

1. Isem jew marka kummerċjali tal-istruttura ta' protezzjoni: ..........

..........

2. Isem u indirizz tal-manifattur tat-trattur jew tal-istruttura ta' protezzjoni: ..........

..........

3. Fejn japplika, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur tat-trattur jew tal-istruttura ta' protezzjoni: ..........

..........

4. **Speċifikazzjonijiet tat-trattur li fuqu twettqu t-testijiet**

4.1. Marka jew isem kummerċjali: ..........

4.2. Tip: ..........

4.3. Numru tas-serje: ..........

4.4. Bażi tar-rota/mument ta' inerzja (1) .......... mm/kgm² (1)

4.5. Qisien tat-*tyres*: ta' quddiem: ..........
ta' wara: ..........

5. **Estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE ghal tipi ohra ta' tratturi**

5.1. Marka jew isem kummerċjali: ..........

5.2. Tip: ..........

5.3. Il-massa tat-trattur minghajr is-saborra, bl-istruttura ta' protezzjoni mwahhla, minghajr is-sewwieq: ....... kg

(1) Ħassar' fejn ma japplikax.

5.4. Il-qisien tat-tajers: ta' quddiem: ..........

ta' wara: ..........

6. **Speċifikazzjonijiet tal-istruttura ta' protezzjoni**

6.1. Disinn tal-arranġament ġenerali kemm tal-istruttura ta' protezzjoni kif ukoll tat-twaħħil tagħha mat-trattur

6.2. Ritratti li juru d-dettalji tal-immuntar ..........

6.3. Deskrizzjoni fil-qosor tal-istruttura ta' protezzjoni li tinkludi t-tip ta' kostruzzjoni, d-dettalji tal-immuntar fuq it-trattur, id-dettalji tal-kisi, il-mezzi ta' aċċess u ta' ħarba, id-dettalji ta' kkuttunar interjuri u l-karatteristiċi li jipprevjenu l-qlib kontinwu .......... ..........

6.4. Dimensjonijiet

6.4.1. L-għoli tal-elementi tas-saqaf 'il fuq mis-sedil tat-trattur mgħobbi/'l fuq mill-punt ta' referenza tas-sedil (1) mm

6.4.2. L-għoli tal-elementi tas-saqaf 'il fuq mill-pjattaforma tat-trattur .......... mm

6.4.3. Id-distanza minima mix-xifer tar-rota tal-istering sa l-istruttura ta' protezzjoni .......... mm

6.4.4. L-għoli ġenerali tat-trattur bl-istruttura ta' protezzjoni mwaħħla .......... mm

6.4.5. Il-wisa' ġenerali tal-istruttura ta' protezzjoni: .......... mm

6.5. Dettalji u l-kwalità ta' materjali użati, l-*istandards* użati: ..........

Il-frejm prinċipali: .......... (materjal u dimensjonijiet)

Immuntar: .......... (materjal u dimensjonijiet)

Saqaf: .......... (materjal u dimensjonijiet)

Ikkuttunar intern: .......... (materjal u dimensjonijiet)

Muntaġġ u boltijiet tal-immuntar: .......... (grad u dimensjonijiet)

7. **Riżultati tat-test**

7.1. Testijiet tal-impatt/tagħbija (1) u tat-tgħaffiġ

Saru testijiet ta' impatt/tagħbija fuq in-naħa tax-xellug/lemin (2) ta' wara u fuq in-naħa tal-lemin/xellug (2) ta' quddiem u fuq in-naħa tal-lemin/xellug tal-ġenb (2). Il-massa ta' referenza użata biex jiġu kkalkulati l-enerġiji ta' impatt u l-forzi tat-tgħaffiġ kienet .......... kg.

Il-kondizzjonijiet tat-test li għandhom x'jaqsmu mal-ksur u x-xquq, deflessjoni instantanja massima u ż-żona ta' spazju vojt kienu/ma kinux (2) sodisfatti b'mod sodisfaċenti.

7.2. Deflessjoni imkejla wara t-testijiet tad-

deflessjoni permanenti:

fuq wara: fuq in-naħa tax-xellug: .......... mm

fuq in-naħa tal-lemin: .......... mm

fuq quddiem: fuq in-naħa tax-xellug: .......... mm

fuq in-naħa tal-lemin: .......... mm

(1) Ħassar fejn ma japplikax, skond il-metodu ta' test użat.
(2) Ħassar' fejn ma japplikax.

fuq il-ġenb: ........................................................................................................................ mm

fuq quddiem: ........................................................................................................................ mm

fuq wara: ........................................................................................................................ mm

Id-differenza bejn id-deflessjoni massima momentanja u residwa matul it-test ta' impatt mill-ġenb:

........................................................................................................................ mm

►[(1)] 7.3. **Indikazzjoni u riżultati ta' kull test dinamiku addizzjonali**◄

8. Numru tar-rapport: ........................................................................................

9. Data tar-rapport: ........................................................................................

10. Firma: ........................................................................................

➔1 (1) ←

# ANNESS IV

## MARKI

Il-marka ta’ approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE tikkonsisti fi:

---

| |
|---|
| ➔ 2000/22/KE Art. 1 u Anness pt. 4 (adattat)<br>➔1 Att ta’ Adeżjoni tal-2003 Art. 20 u Anness I pt. (1)(A)(31), p. 62<br>➔2 2006/96/KE Art. 1 u Anness A pt. 30 |

– rettangolu li jdawwar l-ittra żgħira “e”, segwita bin-numru distintiv tal-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE:

1 għall-Ġermanja, 2 għal Franza, 3 għall-Italja, 4 għall-Olanda, 5 għall-Isvezja, 6 għall-Belġju, ➔1 7 għall-Ungerija, 8 għar-Repubblika Ċeka, ⇐ 9 għal Spanja, 11 għar-Renju Unit, 12 għall-Awstrija, 13 għal-Lussemburgu, 17 għall-Finlandja, 18 għad-Danimarka, ➔2 19 għar-Rumanija, ⇐ ➔1 20 għall-Polonja, ⇐ 21 għall-Portugall, 23 għall-Greċja, 24 għall-Irlanda, ➔1 26 għas-Slovenja, 27 għas-Slovakkja, 29 għall-Estonja, 32 għal-Latvja, ➔2 34 għall-Bulgarija, ⇐ 36 għal-Litwanja, ⌦ 49 ⌫ għal Ċipru, ⌦ 50 ⌫ għal Malta, ⇐

---

| |
|---|
| ➔ 87/402/KEE (adattat) |

– in-numru ta' approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE li jikkorrispondi għan-numru taċ-ċertifikat ta’ approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE maħruġ fir-rigward tas-saħħa tat-tip ta' struttura ta' protezzjoni u t-twaħħil tagħha mat-trattur imqiegħed taħt u ħdejn ir-rettangolu,

– l-ittri V jew SV, skont jekk sarx test dinamiku (V) jew statiku (SV), segwiti bin-numru 2, li jindika li din hija struttura ta' protezzjoni skont it-tifsira ta' din id-Direttiva.

**EŻEMPJU TA' MARKA TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TA' KOMPONENT KE**




*Spjegazzjoni:* L-istruttura ta' protezzjoni li għandha l-marka ta' approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE li tidher hawn fuq hija struttura tat-tip ta' żbarra suġġetta għat-test dinamiku b'żewġt itravi mmuntati fuq quddiem maħsuba għal trattur ta' karreġġata dejqa (V2), li għaliha ngħatat approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE fil-Belġju (e6) bin-numru 43.

---

# ANNESS V

## MUDELL TA' ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TA' KOMPONENT KE

| Isem tal-awtorità kompetenti |
|---|

NOTIFIKA LI TIKKONĊERNA L-GĦOTI, IR-RIFJUT, L-IRTIRAR JEW L-ESTENSJONI TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TA' KOMPONENT KE FIR-RIGWARD TAS-SAĦĦA TA' STRUTTURA TA' PROTEZZJONI (ŻBARRA MMUNTATA QUDDIEM) U S-SAĦĦA TAT-TWAĦĦIL TAGĦHA MAT-TRATTUR

Nru tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE: ..............................................................................
.............................................................................................................................estensjoni ([1])

1. Isem jew marka kummerċjali tal-istruttura ta' protezzjoni: ..........................................
...................................................................................................................................

2. Isem u indirizz tal-manifattur tal-istruttura ta' protezzjoni: ...........................................
....................................................................................................................................

3. Jekk japplika, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur tal-istruttura ta' protezzjoni: ...................................................................................................................
...................................................................................................................................

4. Marka jew isem kummerċjali u t-tip ta' trattur li għalih hija intiża l-istruttura ta' protezzjoni:
.....................................................................................................................................
.....................................................................................................................................

5. Estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE għat-tip(i) ta' tratturi li ġejjin : ............
.....................................................................................................................................

5.1. Il-massa tat-trattur mingħajr saborra, kif definita ⌦ fil-punt 2.1 tal-Mudell A tal-Anness I tad-Direttiva 2003/37/KE ⌫ teċċedi/ma teċċedix ([2]) il-massa ta' referenza użata għat-test b'aktar minn 5%.

5.2. Il-metodu ta' twaħħil u l-punti tat-twaħħil huma/mhumiex ([2]) identiċi.

5.3. Il-komponenti kollha li aktarx li jservu bħala rfid għall-istruttura ta' protezzjoni huma/mhumiex ([2]) identiċi.

6. Id-data li fiha ġiet ippreżentata għall-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE:
...............................................................................................................

7. Stazzjon tat-test: .............................................................................................................

8. Data u numru tar-rapport tal-istazzjon tat-test: ..............................................................

9. Data tal-għoti/rifjut/irtirar tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE ([2]): ..............

10. Data tal-għoti/rifjut/irtirar tal-estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE ([2]): ..............

11. Post: .............................................................................................................

12. Data: .............................................................................................................

13. Id-dokumenti li ġejjin, li għandhom in-numru ta' approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE li jidher hawn fuq, huma annessi ma' dan iċ-ċertifikat (eż. ir-rapport tal-istazzjon tat-test): ..........................................................................................................................................................

14. Kummenti, jekk ikun hemm: ....................................................................................................

15. Firma: ...................................................................................................

(1) Jekk japplika, iddikkjara jekk din hijiex l-ewwel, it-tieni, eċċ. estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE oriġinali.

(2) Ħassar fejn ma japplikax.

## ANNESS VI

## KONDIZZJONIJIET GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE

1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip KE ta' trattur fir-rigward tas-saħħa ta' struttura ta' protezzjoni u tas-saħħa tat-twaħħil tagħha mat-trattur hija ppreżentata mill-manifattur tat-trattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

2. Trattur rappreżentattiv tat-tip ta' trattur li għandu jiġi approvat, li fuqu jkun hemm immuntati struttura ta' protezzjoni u t-twaħħil tagħha, approvati kif suppost, għandu jiġi ppreżentat lis-servizzi tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet ta' approvazzjoni tat-tip KE.

3. Is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-test ta' approvazzjoni tat-tip KE jivverifika jekk it-tip approvat ta' struttura ta' protezzjoni huwiex maħsub li jiġi mmuntat fuq it-tip ta' trattur li għalih ġiet mitluba l-approvazzjoni tat-tip KE. B'mod partikolari, għandu jaċċerta li t-twaħħil tal-istruttura ta' protezzjoni jikkorrispondi ma' dak li kien użat meta ngħatat l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE.

4. Id-detentur tal-approvazzjoni tat-tip KE jista' jitlob biex din tiġi estiża għal tipi oħra ta' strutturi ta' protezzjoni.

5. L-awtoritajiet kompetenti jagħtu tali estensjoni bil-kondizzjonijiet li ġejjin:

5.1. It-tip il-ġdid ta' struttura ta' protezzjoni u t-twaħħil tagħha mat-trattur għandhom ikunu rċevew approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE.

5.2. Għandha tkun iddisinjata biex tiġi mmuntata fuq it-tip ta' trattur li għalih tintalab l-estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip KE.

5.3. It-twaħħil tal-istruttura ta' protezzjoni mat-trattur għandu jikkorrispondi ma' dak li ġiet ittestjat meta ngħatat l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE.

6. Ċertifikat, li mudell tiegħu jidher fl-Anness VII, huwa anness maċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip KE għal kull approvazzjoni tat-tip jew estensjoni ta' approvazzjoni tat-tip li tkun ingħatat jew ġiet rifjutata.

7. Jekk l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip KE għal tip ta' trattur hija introdotta fl-istess ħin tat-talba għall-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE għal tip ta' struttura ta' protezzjoni fil-każ ta' qlib maħsuba biex tiġi mmuntata fuq it-tip ta' trattur li għalih hija mitluba approvazzjoni tat-tip KE, il-verifiki preskritti fil-punti 2 u 3 mhumiex applikabbli.

# ANNESS VII

## MUDELL

| Isem tal-awtorità kompetenti |
|---|

**ANNESS GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP KE GĦAL TIP TA' TRATTUR FIR-RIGWARD TAS-SAĦĦA TA' L-ISTRUTTURI TA' PROTEZZJONI (ŻBARRA MMUNTATA FUQ QUDDIEM) U S-SAĦĦA TAT-TWAĦĦIL TAGĦHOM MAT-TRATTUR**

(Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-foresti, il-karrijiet tagħhom u makkinarju irmunkat interkambjabbli, flimkien mas-sistemi tagħhom, komponenti u unitajiet tekniċi separati u r-revoka tad-Direttiva 74/150/KEE)

Nru tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE:
..................................................................................................................
.....................................................................................................................................................estensjoni ([1])

1. Isem jew marka kummerċjali tat-trattur: ..................................................................................................
..........................................................................................................................................

2. Tip ta' trattur: ..........................................................................................................................

3. Isem u indirizz tal-manifattur tat-trattur: ..................................................................................................
..........................................................................................................................................

4. Jekk japplika, isem u indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur: ...........................................
..........................................................................................................................................

5. Isem jew marka kummerċjali tal-istruttura ta' protezzjoni: ................................................................
..........................................................................................................................................

6. Estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip KE għat-tip(i) ta' strutturi ta' protezzjoni li ġejjin:
..........................................................................................................................................
..........................................................................................................................................

7. Data li fiha t-trattur ġie ppreżentat għall-approvazzjoni tat-tip KE:
............................................................
..........................................................................................................................................

8. Servizz tekniku reponsabbli mill-kontroll tal-konformità tal-approvazzjoni tat-tip KE: ..................
.......................................................................................................................

9. Data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz:.........................................................................................

10. Numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz:.....................................................................................

11. Approvazzjoni tat-tip KE fir-rigward tas-saħħa tal-istrutturi ta' protezzjoni u s-saħħa tat-twaħħil tagħhom mat-trattur ġiet mogħtija/irrifjutata ([2]):

12. L-estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip KE fir-rigward tas-saħħa tal-istrutturi ta' protezzjoni u s-saħħa tat-twaħħil tagħhom mat-trattur ġiet mogħtija/irrifjutata ([2]):

13. Post: ..............................................................................................................................................

14. Data: ..............................................................................................................................................

15. Firma: ..............................................................................................................................................

(1) Jekk japplika, iddikjara jekk din hijiex l-ewwel, it-tieni, eċċ. estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip KE oriġinali.

(2) Ħassar fejn ma japplikax.

# ANNESS VIII

## Parti A

**Direttiva mħassra flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tagħha**
(imsemmija fl-Artikolu 13)

| | |
|---|---|
| Direttiva tal-Kunsill 87/402/KEE<br>(ĠU L 220, 8.8.1987, p. 1) | |
| Direttiva tal-Kunsill 89/681/KEE<br>(ĠU L 398, 30.12.1989, p. 27) | |
| Punt XI.C.II.6 tal-Anness I tal-Att ta' Adeżjoni tal-1994<br>(ĠU C 241, 29.8.1994, p. 205) | |
| Direttiva tal-Kummissjoni 2000/22/KE<br>(ĠU L 107, 4.5.2000, p. 26) | |
| Punt I.A.31 tal-Anness II tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003<br>(ĠU L 236, 23.9.2003, p. 53) | |
| Direttiva tal-Kummissjoni 2005/67/KE<br>(ĠU L 273, 19.10.2005, p. 17) | L-Artikolu 3 u l-Anness III biss |
| Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE<br>(ĠU L 363, 20.12.2006, p. 81) | Fir-rigward tar-referenza għad-Direttiva 87/402/KEE fl-Artikolu 1 u fil-punt 30 tal-Parti A tal-Anness biss |
| Direttiva tal-Kummissjoni 2010/22/UE<br>(ĠU L 91, 10.4.2010, p. 1) | L-Artikolu 4 u l-Anness IV biss |

## Parti B

**Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni**
(imsemmija fl-Artikolu 13)

| Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni | Data ta' applikazzjoni |
|---|---|---|
| 87/402/KEE | 26 ta' Ġunju 1989 | |
| 89/681/KEE | 3 ta' Jannar 1991 | |
| 2000/22/KE | 30 ta' Ġunju 2001(*) | |
| 2005/67/KE | 31 ta' Diċembru 2005 | |
| 2006/96/KE | 1 ta' Jannar 2007 | |
| 2010/22/UE | 30 ta' April 2011 | 1 ta' Mejju 2011 |

(*) Skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/22/KE:

"1. Mill-1 ta' Lulju 2001, l-Istati Membri m'għandhomx:

– jirrifjutaw, għal tip ta' trattur, milli jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE jew joħorġu d-dokument stabbilit fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 74/150/KEE, jew milli jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali, jew

– jipprojbixxu l-ewwel dħul fis-servizz ta' tratturi,

jekk dawk it-tratturi jkunu jikkonformaw mal-kriterji tad-Direttiva 87/402/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

2. Mill-1 ta' Jannar 2002, l-Istati Membri:

– m'għandhomx joħorġu aktar id-dokument li għalih jipprovdi t-tielet inċiż ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 74/150/KEE għal tip ta' trattur jekk dan ma jkunx jikkonforma mal-kriterji tad-Direttiva 87/402/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva,

– jistgħu jirrifjutaw milli jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal tip partikulari ta' trattur, jekk dan ma jkunx jikkonforma mal-kriterji tad-Direttiva 87/402/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva."

## ANNESS IX

### TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Direttiva 87/402/KEE | Direttiva 2000/22/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|---|
| Artikolu 1, sentenza tal-bidu | | Artikolu 1, sentenza tal-bidu |
| Artikolu 1, l-ewwel inċiż | | Artikolu 1, punt (a) |
| Artikolu 1, it-tieni inċiż | | Artikolu 1, punt (b) |
| Artikolu 1, it-tielet inċiż | | Artikolu 1, punt (ċ) |
| Artikoli 2 u 3 | | Artikoli 2 u 3 |
| Artikolu 4(1) | | Artikolu 4, l-ewwel paragrafu |
| Artikolu 4(2) | | Artikolu 4, it-tieni u t-tielet paragrafi |
| Artikolu 5 | | Artikolu 5 |
| Artikolu 6(1), l-ewwel sentenza | | Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 6(1), it-tieni sentenza | | Artikolu 6(1), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 6(1), it-tielet sentenza | | Artikolu 6(1), it-tielet subparagrafu |
| Artikolu 6(2) | | Artikolu 6(2) |
| Artikolu 7, l-ewwel sentenza | | Artikolu 7, l-ewwel paragrafu |
| Artikolu 7, it-tieni sentenza | | Artikolu 7, it-tieni paragrafu |
| Artikolu 8 | | - |
| - | Artikolu 2(1), kliem tal-bidu | Artikolu 8(1), kliem tal-bidu |
| - | Artikolu 2(1), l-ewwel inċiż | Artikolu 8(1)(a) |
| - | Artikolu 2(1), it-tieni inċiż | Artikolu 8(1)(b) |
| - | Artikolu 2(2) | Artikolu 8(2) |
| Artikoli 9 sa 11 | | Artikoli 9 sa 11 |
| Artikolu 12 | | - |

| | | |
|---|---|---|
| Artikolu 13(1) | | - |
| Artikolu 13(2) | | Artikolu 12 |
| - | | Artikoli 13 u 14 |
| Artikolu 14 | | Artikolu 15 |
| Annessi I and II | | Annessi I u II |
| Anness VI | | Anness III |
| Anness VII | | Anness IV |
| Anness VIII | | Anness V |
| Anness IX | | Anness VI |
| Anness X | | Anness VII |
| — | | Anness VIII |
| — | | Anness IX |